IV

*(Atti oħrajn)*

# SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

# KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## DEĊIŻJONI TA' L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA

**Nru 318/05/COL**

**tal-14 ta' Diċembru 2005**

**biex tagħlaq il-proċedura formali ta' investigazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 1(2) f'Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti fejn jidħlu l-eżenzjonijiet minn drittijiet għad-dokumenti u miżati ta' reġistrazzjoni b'rabta mat-twaqqif ta' Entra Eiendom AS (In-Norveġja)**

L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TA' L-EFTA,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [1], b'mod partikolari l-Artikoli 61 u 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-Istati ta' l-EFTA dwar il-ħolqien ta' Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [2], u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 1 tal-Parti I tal-Protokoll 3 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Linji-Gwida ta' l-Awtorità [3] dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE,

WARA LI TALBET lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq [4] u wara li l-kummenti tagħhom ittieħdu f'kunsiderazzjoni,

BILLI:

### I. IL-FATTI

#### 1. Il-proċedura u l-korrispondenza

Permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-22 ta' Mejju 2002 (Dok. Nru: 02-3856 D), l-Awtorità talbet lill-Gvern Norveġiż li jissottometti l-informazzjoni rilevanti dwar it-twaqqif ta' Entra Eiendom AS (minn issa 'l quddiem "*Entra*") biex l-Awtorità tkun tista' tevalwa jekk it-twaqqif ta' l-impriża kienx skond ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu permezz ta' ittra mill-Missjoni tan-Norveġja għall-Unjoni Ewropea li ġġib id-data tal-25 ta' Ġunju 2002, u magħha hemżu ittra li ġġib id-data ta' l-20 ta' Ġunju 2002 mill-Ministeru tax-Xogħol u Amministrazzjoni Governattiva, it-tnejn li huma rċevuti u rreġistrati mill-Awtorità fis-26 ta' Ġunju 2002 (Dok. Nru: 02-4850 A).

Permezz ta' ittra li ġġib id-data ta' l-10 ta' Ottubru 2002 (Dok. Nru: 02-7036 D) l-Awtorità talbet aktar informazzjoni. L-ittra indirizzat, skond il-punt 1, l-eżenzjoni minn drittijiet għad-dokumenti u minn miżati ta' reġistrazzjoni fil-każ ta' bdil fis-sidien ta' propjetajiet immobbli, u, skond il-punt 2, it-tnaqqis fil-valur stmat fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet speċjali ta' terminazzjoni. L-awtoritajiet Norveġiżi ppreżentaw l-informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittra mill-Missjoni tan-Norveġja għall-Unjoni Ewropea li ġġib id-data ta' l-14 ta' Novembru 2002, u magħha hemżu ittra mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija li ġġib id-data tas-7 ta' Novembru 2002, it-tnejn li huma rċevuti u rreġistrati mill-Awtorità fl-14 ta' Novembru 2002 (Dok. Nru: 02-8219 A).

(1) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim taż-ŻEE
(2) Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.
(3) Regoli Proċedurali u Sostantivi fil-Qasam ta' l-Għajnuna mill-Istat (Linji-Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat, adattati u maħruġa mill-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali L 231, 3.9.1994. Il-linji-gwida dwar l-għajnuna mill-Istat jinsabu fuq il-websajt ta' l-Awtorità: www.eftasurv.int
(4) Deċ. Nru: 132/04COL. Id-deċiżjoni li tinfetaħ proċedura formali ta' investigazzjoni ġiet ippubblikata fil-ĠU C 319, 23.12.2004, p. 17, u fis-suppliment taż-ŻEE nru 64, ta' l-istess data, p. 46 Id-deċiżjoni tinstab ukoll fuq il-*homepage* ta' l-Awtorità: http://www.eftasurv.int/fieldsofwork/fieldstateaid/stateaidregistry/sadecinor04/132_04_entra.DOC

Permezz ta' messaġġ *telefax* mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija li jġib id-data tad-9 ta' Diċembru 2002, irċevut u rreġistrat mill-Awtorità dakinhar stess (Dok. Nru: 02-8912 A), il-Gvern Norveġiż talab li l-Awtorità tippreżenta l-konklużjoni tagħha fil-każ dwar it-twaqqif ta' Entra. Permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-17 ta' Diċembru 2002 (Dok. Nru: 02-9062 D) lill-Missjoni tan-Norveġja għall-Unjoni Ewropea, l-Awtorità infurmat lill-awtoritajiet Norveġiżi li l-Awtorità tista' tkun f'pożizzjoni li tagħlaq parti mill-każ fejn jidħol it-tnaqqis fil-valur stmat fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet speċjali ta' terminazzjoni, sakemm tintbagħat aktar dokumentazzjoni speċifika u dettaljata dwar din il-kwistjoni.

Dokumentazzjoni dettaljata bħal din intbagħtet permezz ta' messaġġ *telefax* mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija li jġib id-data tat-23 ta' Jannar 2003, irċevut u rreġistrat mill-Awtorità fit-23 ta' Jannar 2003 (Dok. Nru: 02-424 A). Permezz ta' ittra lill-Missjoni tan-Norveġja għall-Unjoni Ewropea li ġġib id-data tal-31 ta' Jannar 2003 (Dok. Nru: 03-588 D), l-Awtorità infurmat lill-awtoritajiet Norveġiżi li – peress li ma jidhirx li tidħol xi għajnuna fil-kwistjoni – *"hija mhix se tqajjem xi oġġezzjoni dwar l-istima tal-valur li sar fil-bilanċ tal-ftuħ ta' proprjetà immobbli li ġiet trasferita mill-Istat Norveġiż lil Entra Eiendom AS"*. Madankollu, l-Awtorità saħqet li din id-dikjarazzjoni kienet mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni dwar id-drittijiet għad-dokumenti u miżati ta' reġistrazzjoni.

Permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-2 ta' April 2003 (Dok. Nru: 03-1827 D), l-Awtorità għal darb'oħra indirizzat il-kwistjoni ta' l-eżenzjoni minn miżati ta' reġistrazzjoni u dazji tas-sisa u talbet lill-awtoritajiet Norveġiżi biex jagħtu aktar informazzjoni biex tkompli tiċċara l-affarijiet. Permezz ta' ittra mill-Missjoni tan-Norveġja għall-Unjoni Ewropea li ġġib id-data tal-5 ta' Ġunju 2003, u li magħha kien hemm mehmuża ittra mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija li ġġib id-data ta' l-4 ta' Ġunju 2003, it-tnejn li huma rċevuti u rreġistrati mill-Awtorità fl-10 ta' Ġunju 2003 (Dok. Nru: 03-3631 A), ingħatat aktar informazzjoni.

Fis-16 ta' Ġunju 2004, l-Awtorità iddeċidiet li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali (Dec. Nru: 132/04/COL). Id-deċiżjoni biex tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali ġiet ippubblikata fit-23 ta' Diċembru 2004.

Permezz ta' messaġġ bit-*telefax* li jġib id-data tat-13 ta' Awwissu 2004 (Okkorrenza Nru: 290206) u ittra mill-Missjoni Norveġiża għall-Unjoni Ewropea li ġġib id-data tas-17 ta' Awwissu 2004, irċevuta u rreġistrata mill-Awtorità fit-18 ta' Awwissu 2004 (Okkorrenza Nru: 290456), l-awtoritajiet Norveġiżi talbu estenszjoni ta' xahar biex ikunu jistgħu jibagħtu l-kummenti tagħhom.

Permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-17 ta' Awwissu 2004 (Okkorrenza Nru: 290305), l-Awtorità aċċettat li żżid xahar ieħor żmien.

Permezz ta' messaġġ bit-*telefax* li jġib id-data tas-16 ta' Settembru 2004 (Okkorrenza Nru: 292867) u ittra mill-Missjoni tan-Norveġja għand l-Unjoni Ewropea li ġġib id-data ta' l-20 ta' Settembru 2004, u li magħha kien hemm mehmuża ittra mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija li ġġib id-data tas-16 ta' Settembru 2004, irċevuti u rreġistrati mill-Awtorità fil-21 ta' Settembru 2004 (Dok. Nru: 293392), l-awtoritajiet Norveġiżi issottomettew il-kummenti tagħhom għad-deċiżjoni tal-ftuħ. L-awtoritajiet Norveġiżi kkonkludew li l-eżenzjoni minn drittijiet għad-dokumenti u minn miżati tar-reġistrazzjoni, stipulata fit-twaqqif ta' Entra ma tikkostitwixxix għajnuna mill-istat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

L-Awtorità ma rċeviet l-ebda kumment għad-deċiżjoni tal-ftuħ minn partijiet interessati oħra fi ħdan il-perjodu limitat ta' xahar wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Permezz ta' ittra li ġġib id-data ta' l-4 ta' Mejju 2005, li waslet u ġiet rreġistrata għand l-Awtorità fid-9 ta' Mejju 2005 (Nru ta' l-Okkorrenza: 318691), il-kumpanija ta' l-avukati Selmer, li tirrappreżenta lil Entra, ippreżentat il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni ta' l-Awtorità li tiftaħ proċedura formali ta' investigazzjoni (ara l-punt 3.4 hawn taħt).

Il-każ ġie diskuss f'laqgħa f'Oslo fid-19 ta' Mejju 2005, fil-preżenza ta' rappreżentanti minn Ministeri Norveġiżi differenti u minn rappreżentanti mill-Awtorità.

Permezz ta' messaġġ bit-*telefax* mill-Ministeru ta' l-Immodernizzar li ġġib id-data tas-26 ta' Lulju 2005 (Nru ta' l-Okkorrenza: 327938), u ittra mill-Missjoni tan-Norveġja għall-UE li ġġib id-data ta' l-1 ta' Awwissu 2005, li waslet u ġiet rreġistrata fit-3 ta' Awwissu 2005 (Nru ta' l-Okkorrenza: 329110), li magħha kien hemm mehmuża ittra li ġġib id-data tat-30 ta' Ġunju 2005 mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija, l-awtoritajiet Norveġiżi ppreżentaw aktar informazzjoni dwar jekk l-eżenzjoni hix ta' vantaġġ ekonomiku għal Entra. Il-konklużjoni tal-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija kienet li l-eżenzjoni ma kienet ta' l-ebda vantaġġ għal Entra.

## 2. **It-twaqqif ta' Entra**

### 2.1. *Proposta biex titwaqqaf kumpanija ta' responsabbiltà limitata ġdida*

Il-Gvern Norveġiż ippreżenta r-riorganizzazzjoni ta' l-entità pubblika, id-Direttorat tal-Kostruzzjoni u l-Proprjetà Pubblika ("Statsbygg"), u t-twaqqif ta' Entra, fl-4 ta' Ġunju 1999 [1]. Dakinhar stess, il-Gvern ippreżenta Att speċjali dwar il-konverżjoni ta' parti mill-attivitajiet fejn jidħol in-negozju fi proprjetà immobbli ta' Statsbygg għal kumpanija b'responsabbiltà limitata biex jiġu solvuti xi kwistjonijiet tranżizzjonali dwar it-trasformazzjoni u t-twaqqif ta' Entra [2]. Il-Paragrafu 3 ta' dan l-Att

(1) "St prp nr 84 (1998-99) Om ny strategi for Statsbygg og etablering av Statens utleiebygg AS". L-isem oriġinali tal-kumpanija kien "Statens utleiebygg AS". Minn issa tintuża "Entra" għal Entra Eiendom AS u Statens utleiebygg AS.

(2) "Ot prp nr 83 (1998-99) Om lov om omdanning av deler av Statsbyggs eiendomsvirksomhet til aksjeselskap". Liġi tat-18 ta' Frar 2000, Nru 11.

(minn issa ‘l quddiem “*l-Att ikkontestat*”) jiddikjara li r-reġistrazzjoni mill-ġdid fir-reġistru tal-proprjetà immobbli u reġistri oħra pubbliċi għandhom isiru bħala bidla fl-isem. Bħala konsegwenza ta’ dan, Entra ma kellhiex l-obbligu li tħallas drittijiet għad-dokumenti u miżati ta’ reġistrazzjoni, iżda xorta saret id-detentur tat-titolu fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli.

Statsbygg hija entità amministrattiva (“*Forvaltningsbedrift*”), responsabbli għall-Ministeru ta’ l-Immodernizzar. Statsbygg taġixxi f’isem il-Gvern Norveġiż bħala manager u konsulent fejn tidħol il-kostruzzjoni u proprjetà u toffri spazju għall-uffiċċji ta’ organizzazzjonijiet governattivi. Statsbygg kompliet topera u tmexxi dik il-proprjetà immobbli li ma ġietx mgħoddija lil Entra. Bħalissa Statsbygg tmexxi madwar 2,2 miljun metru kwadru ta’ spazju għall-uffiċċji, fin-Norveġja kif ukoll barra. Il-proprjetà tikkonsisti f’binjiet ta’ uffiċċji, skejjel, akkomodazzjoni kif ukoll bini speċjalizzat madwar il-pajjiż, ambaxxati u djar ta’ reżidenza barra n-Norveġja. L-allokazzjoni annwali għall-bini hija ta’ madwar NOK 2,3 biljun (madwar EUR 288 miljun). Statsbygg għandha 669 impjegat (Ottubru 2005) ([1]).

F’St.prp. nr. 84 (1998-1999) jintqal fost affarijiet oħra li l-iskop tar-riorganizzazzjoni hu dak li jiġu ċċarati r-rwoli differenti ta’ Statsbygg u biex jinkiseb użu aktar effiċjenti tal-bini li hu proprjetà ta’ l-Istat. Biex ikun hemm żgur kundizzjonijiet ta’ qafas aħjar għal dik il-parti ta’ Statsbygg li tinsab f’kompetizzjoni ma’ impriżi privati oħra, il-bini li jopera f’suq kompetittiv (“*konkuranseutsatte bygg*”) kellu jiġi maqtugħ mill-bini għal skopijiet speċjali u jsir parti minn sett ġdid ta’ proprjetà immobbli li s-sid tagħha tkun Entra. Il-gvern indika li, akar tard, jista’ jiġri li, alternattivament, parti mill-kumpanija tinbiegħ lil interessi privati.

Entra għandha l-klawżola li ġejja fil-*bye-laws* tagħha: “L-iskop ewlieni tal-kumpanija huwa li l-aġenziji ta’ l-istat ikollhom l-ispazju għall-uffiċċji tagħhom. Il-kumpanija tista’ tkun is-sid, tista’ tbigħ, topera u tamministra proprjetà immobbli u tagħmel negozju ieħor li jkollu x’jaqsam ma’ dan. Il-kumpanija tista’ wkoll ikollha ishma jew interessi fi, u tkun parteċipi, f’kumpaniji oħra li jwettqu attivitajiet bħal dawk imsemmija fis-sentenza ta’ qabel” (traduzzjoni mhux uffiċjali mill-Awtorità).

## 2.2. *Il-bilanċ tal-ftuħ ta’ Entra*

Fil-proposta ppreżentata lill-Parlament, il-Gvern Norveġiż fassal il-prinċipji bażiċi għat-trasferiment ta’ assi lejn l-impriża ‘l ġdida. Ma nġibdet l-ebda konklużjoni fejn jidħol il-valur attwali ta’ l-assi li għandhom jiġu trasferiti. Pjuttost jingħad li din il-kwistjoni kellha tkun diskussa fi stadju aktar tard, peress li hemm miktub li: “*il-bilanċ finali tal-ftuħ tal-kumpanija għandu jkun ippreżentat fl-estimi għas-sena 2000*” ([2]). Lanqas ma ġiet speċifikata xi metodoloġija speċifika biex jiġi stabbilit dan il-valur.

([1]) Sors: http://www.statsbygg.no/english/
([2]) Traduzzjoni mhux uffiċjali mill-Awtorità.

Fil-perjodu bejn l-4 ta’ Ġunju 1999 u sakemm saret il-valutazzjoni finali permezz ta’ Digriet Irjali tat-22.6.2000, il-valur ta’ l-assi li kellhom jiġu trasferiti kien mifli b’mod estensiv ħafna. L-għan kien li wieħed jistabbilixxi l-valur korrett tat-tranżazzjoni skond il-prinċipji mill-Proposta Nru 84 (1998-99) għat-trasferiment ta’ l-assi. Ġew ikkunsidrati ħafna metodi u suppożizzjonijiet biex ġie deċiż dan il-prezz.

L-ewwelnett, Statsbygg talbet lill-konsulent independenti Catella Eiendom Consult AS (CEC) biex jagħmel valutazzjoni tal-proprjetajiet immobbli li għandhom jiġu trasferiti. Din il-valutazzjoni saret skond il-qafas għall-valutazzjoni ta’ l-Assoċjazzjoni tal-*Valuers* u *Surveyors* Norveġiża (NTF), billi saret evalwazzjoni ta’ kull proprjetà u imbagħad ġie magħdud flimkien il-valur tal-proprjetajiet individwali biex jinġieb il-valur total tal-portafoll. Ir-riżultat li nkiseb kien ta’ NOK 3 852 110 000. Din il-valutazzjoni ġiet ivverifikata aktar tard mill-Assoċjazzjoni tal-*Valuers* u tas-*Surveyors* Norveġiża, li kkonkludiet li l-valur miksub kien aċċettabbli, iżda vvalutat b’mod kawt.

It-tieni, Statsbygg għamlet il-valutazzjoni tagħha stess ta’ l-assi. Din saret skond metodoloġija oħra. Statsbygg użat il-flussi skontati għal portafoll totali bħala bażi għall-kalkoli tagħhom, minflok ma qieset kull proprjetà bħala kalkolu separat li għandu jiżdied mat-total. Ir-riżultat li nkiseb kien ta’ NOK 3 137 500 000.

It-tielet, il-Ministeru ta’ l-Agrikoltura ukoll għamel valutazzjoni, ibbażata fuq l-istess prinċipji li użat Statsbygg, iżda b’suppożizzjonijiet differenti. Ir-riżultat li nkiseb kien ta’ NOK 3 337 500 000.

Id-differenza bejn l-ogħla u l-anqas valutazzjoni f’dan il-punt kienet ta’ NOK 714 610 000, jew differenza ta’ 22 % relattiv ma’ l-anqas prezz stmat. Mingħajr ma wieħed jidħol f’aktar dettalji wieħed irid jgħid li hemm differenzi sinifikanti bejn il-metodi użati. Din l-osservazzjoni saret ukoll f’verifika indipendenti li saret mill-PricewaterhouseCoopers (PWC), fejn ġew evalwati t-tliet valuri li ssemmew.

Fl-evalwazzjoni li għamlu, PWC ikkonkludew li quddiem id-differenzi metodoloġiċi kbar, tqabbila dettaljata bejn it-tliet valutazzjonijiet tkun biċċa xogħol ikkumplikata u, aktar importanti minn hekk, tkun ta’ ftit rilevanza. Huma kkonkludew li “*Fil-fehma tagħna, it-tliet valuri kollha jinsabu fi ħdan firxa raġjonevoli*”. Barra minn dan, il-PWC saħqu fuq il-punt li kien impossibbli li wieħed jasal għal xi numru speċifiku li jista’ jitqies bħala l-valur “korrett”. Pjuttost, dan il-prezz jista’ jkun is-suġġett ta’ negozjati bejn il-partijiet, u b’hekk jista’ jvarja skond is-suppożizzjonijiet li jsiru.

Ir-raba', il-Ministeru ddeċieda li jerġa' jagħmel valutazzjoni tal-valur. Wara diskussjoni fit-tul dwar jekk il-fatt li l-aġenziji tal-gvern jistgħu jitterminaw il-kirjiet tagħhom b'avviż ta' 12-il xahar jistax jew le jaffettwa l-valur fuq is-suq tal-proprjetà, il-valur tal-proprjetajiet ġie issa stabbilit għal NOK 2 837 550 000. Dan il-valur ġie ppreżentat lil Stortinget [1] fil-kuntest tal-baġit ta' l-Istat għall-1999-2000. Madankollu, il-proposta irriżervat id-dritt għall-Gvern li jagħmel aġġustamenti finali.

Il-ħames, dan id-dritt biex il-bilanċ finali jkun aġġustat ġie eżerċitat mill-Ministeru, li wara li aġġusta, fost affarijiet oħra, xi wħud mill-kuntratti tal-kirjiet ta' Entra, u b'hekk reġa' bidel is-suppożizzjonijiet tal-mudell, wasal għal prezz ogħla. Permezz ta' Digriet Irjali, il-valur fil-bilanċ finali tal-ftuħ ġie ffissat għal NOK 3 222 871 000.

Il-proċess hu miġbur fil-qosor hawnhekk. Kif jidher, il-firxa ta' valuri li ġiet suġġerita tvarja minn NOK 3 852 110 000 għal NOK 2 837 550 000. Din id-differenza ta' NOK 1 014 560 000, jew 35,8 % f'relazzjoni mal-prezz l-aktar baxx, tista' tiġi spjegata sew bid-differenzi fil-metodoloġija użata, kif ukoll bis-suppożizzjonijiet li saru fil-mudelli differenti.

| | |
|---|---|
| Il-valutazzjoni minn Catella Eiendoms Consult (CEC) [1] | NOK 3 852 110 000 |
| Ir-rakkomandazzjoni ta' Statsbygg | NOK 3 137 500 000 |
| Il-valutazzjoni tal-Ministeru | NOK 3 337 500 000 |
| Il-valur tal-Ministeru rivalutat minħabba kundizzjonijiet ta' terminazzjoni [2] | NOK 2 837 550 000 |
| Il-bilanċ finali tal-ftuħ [3] | NOK 3 222 871 000 |

(1) "Porteføljevurdering konkurransebyggene Statsbygg" Ittra lil Statsbygg li ġġib id-data 10.8.99 bil-valutazzjonijiet tas-CEC.
(2) "St.prp. nr. 1 Tillegg nr. 10 (1999-2000) Om etablering av Statens utleiebygg AS".
(3) "Statens utleiebygg AS – Fastsettelse av åpningsbalanse og endelige bevilgninger til egenkapital og lån" Kongelig resolusjon av 22.6.2000

Il-bilanċ finali tal-ftuħ kien ibbażat fuq il-likwidità tal-portafoll kollu kemm hu, kif użata fir-rakkomamandazzjoni oriġinali ta' Statsbygg, iżda bbażata fuq ċerti tibdil fis-suppożizzjonijiet.

Entra ġiet oriġinarjament imwaqqfa bħala kumpanija "minima" ibbażata fuq kontributi fi flus. Sussegwentement, il-proprjetà, il-kapital u l-persunal (attiv u passiv) ġew trasferiti mill-Istat lil Entra bi tpartit mal-ħruġ ta' ishma, b'effett mill-1 ta' Lulju 2000.

(1) "St.prp. nr. 1 Tillegg nr. 10 (1999-2000) Om etablering av Statens utleiebygg AS".

Il-proprjetà u t-titolu tal-proprjetajiet imsemmija ġew trasferiti mill-Istat Norveġiż lil Entra u rreġistrati f'isem Entra. Fuq il-bażi ta' l-Att li jistabbilixxi Entra, ma tħallsu l-ebda drittijiet fuq dokumenti jew miżati ta' reġistrazzjoni. Il-kumpanija hija kumpanija ta' responsabbiltà limitata, li hi 100 fil-mija proprjetà ta' l-Istat Norveġiż.

Il-kumpanija (grupp [2]) kellha dħul mill-operazzjonijiet ta' NOK 1 072 miljun (madwar EUR 128 miljun [3]) fl-2004, u qligħ qabel it-taxxa ta' NOK 134 miljun (madwar EUR 16-il miljun). Il-valur kontabbli tal-grupp fil-31.12.2004 kien ta' NOK 1 288 miljun (madwar EUR 154 miljun). Fi tmiem is-sena, il-portafoll ta' proprjetajiet tal-grupp (valur kontabbli) kien ta' NOK 8 768 miljun (madwar EUR 1 047 miljun). Fil-31.12.2004 Entra kellha 133 impjegat. Il-portafoll totali ta' proprjetajiet jikkonsisti f'110 proprjetajiet, li għandhom firxa totali ta' 900 000 $m^2$ [4].

Skond l-awtoritajiet Norveġiżi, id-drittijiet għad-dokumenti akkumulati kif stimulati hu stmat li jitilgħu għal NOK 80 571 775, u l-miżati tar-reġistrazzjoni miġbura huma stmati li jitilgħu għal NOK 147 300 (150 proprjetà * NOK 982), b'kollox NOK 80 719 075 (madwar EUR 9,87 miljun) [5].

### 3. **L-evalwazzjoni tal-Gvern tan-Norveġja dwar jekk l-eżenzjoni mid-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati tar-reġistrazzjoni hix konformmi mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE**

3.1. *L-evalwazzjoni tal-Gvern ippreżentata b'rabta mat-twaqqif ta' l-Entra*

Evalwazzjoni mill-Gvern Norveġiż dwar jekk l-eżenzjoni mid-dritt tal-bolla u l-miżati tar-reġistrazzjoni hix konformi mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Ftehim taż-ŻEE tingħata fil-Proposta Nru 84 (1998-99), kapitolu 7.6.1. It-test huwa kif ġej (traduzzjoni mhux uffiċjali mill-Awtorità):

"Id-domanda li jmiss hi dwar jekk il-kumpanija tistax tiġi eżentata mid-dmir li tirreġistra t-trasferiment tat-titolu minn Statsbygg għal Statens utleiebygg AS u b'hekk ma tħallasx il-miżata tar-reġistrazzjoni u d-dazju tas-sisa. Skond l-Att dwar il-Miżati tal-Qorti kapitlu 6 u Artikolu 7 ta' l-Att dwar id-Drittijiet għad-Dokumenti, drittijiet b'rabta mar-reġistrazzjoni ta' dokumenti li jittrasferixxu drittijiet fuq il-proprjetà għandhom jitħallsu lit-Teżor. Id-dmir li jitħallsu spejjeż għalhekk isir dovut biss meta t-trasferiment tat-titolu jkun irreġistrat fir-reġistru tal-proprjetà immobbli. Il-ħlas tad-dazju tas-sisa mhux meħtieġ għal bidla fl-isem fir-reġistru.

(2) Il-Grupp jikkonsisti minn, barra Entra eiendom AS, Entra Service AS, Universitetsgaten 2 AS, Biskop Gunnerus gate 14 AS, Iinstituttveiein 24 AS, Entra Kultur 1 AS, Langkaia 1 AS, Kr Augustgate 23 AS, Nonnen utbygging AS u Krambugt 3 AS. Sors: Rapport Annwali 2004 Ara http://www.entraeiendom.no/files/Entra_Eiendom_Arsrapport_2004.pdf
(3) Rata tal-kambju għall-2004: 1 EUR = 8,3715 NOK.
(4) Sors: Rapport Annwali ta' Entra 2004.
(5) Rata tal-kambju fit-30 ta' Ġunju 2000: 1 EUR = 8,1815 NOK.

Il-Ministeru jqis li hija ħaġa inċerta ħafna dwar jekk id-diviżjoni ta' proprjetà bejn l-Istat u Statens utleiebygg AS tkunx timplika trasferiment ta' titolu li jkun irid jiddaħħal fir-reġistru tal-proprjetà immobbli. Tidher ħaġa aktar naturali li s-sitwazzjoni titqies bħala bidla organizzattiva fil-portafoll ta' proprjetà ta' l-Istat fejn l-Istat jibqa' jżomm id-drittijiet ta' reġistrazzjoni tal-proprjetajiet. Mhix kwistjoni ta' trasferiment ta' titolu, iżda sempliċement bidla ta' isem fir-reġistru. Bħala konsegwenza ta' dan hemm li s-sitwazzjoni ma tinħtieġx il-ħlas ta' dazju tas-sisa. Il-kumpanija mhix obbligata għalhekk li tħallas miżati ta' reġistrazzjoni u dazju tas-sisa. Il-Ministeru, madanakollu, jkompli jissuġġerixxi, fi proposta separata lill-Odelsting, li r-reġistrar mill-ġdid b'konnessjoni ma' tibdil organizzattiv jsir biss bħala bidla fl-isem. Fejn jidħol ir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli, dan ikun jimplika li mhux se jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' trasferiment ta' titolu. Id-dispożizzjoni timplika li żgur mhux se jkun hemm bżonn ta' trasferiment ta' titolu. Il-proposta tikkorrispondi ma' regoli mogħtija b'rabta ma' trasformazzjonijiet oħra għal impriżi proprjetà ta' l-Istat, ref. pereż. L-Att ta' l-24 ta' Ġunju 1994, nru 45 dwar it-twaqqif ta' Televerket bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata, u l-Att tat-22 ta' Novembru 1996 nru 65 dwar it-twaqqif tal-kumpanija tal-Posta proprjetà ta' l-Istat. Il-kwistjoni hi dwar jekk din il-prassi twassalx għal sitwazzjoni ta' kompetizzjoni differenti għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata ta' l-Istat minn dik ta' entitajiet privati li jifirdu partijiet mill-attività ta' proprjetà immobbli tagħhom u jitfgħuhom taħt kumpanija b'responsabbiltà limitata li tkun għal kollox tagħhom.

L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA (ESA) ippubblikat linji-gwida dwar l-użu tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fl-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE b'konnessjoni ma' tranżazzjonijiet finanzjarji bejn impriżi pubbliċi u l-awtoritajiet, ref. Linji-Gwida għal Għajnuna mill-Istat, kapitoli 19-20. Il-kriterju ċentrali ta' evalwazzjoni dwar jekk tkunx teżisti għajnuna mill-Istat hu, skond dawn il-linji-gwida, l-hekk imsejjaħ 'prinċipju ta' l-investitur fis-suq'. Dan ifisser li l-Istat fid-dispożizzjonijiet ekonomiċi tiegħu hu obbligat li jaġixxi daqslikieku kien investitur privat fl-istess sitwazzjoni fil-konfront ta' kumpanija privata simili jew kumparabbli.

Il-punt tat-tluq fi ħdan il-liġi Norveġiża huwa li t-trasferiment ta' drittijiet fuq proprjetà minn entità legali għal oħra għandha tkun rreġistrata biex din tkun tista' ssir valida f'relazzjoni ma' parti terza. L-investituri privati, għalhekk, mill-bidu, ikunu obbligati li jirreġistraw it-trasferiment tat-titolu u li jħallsu l-bolol. Punt tat-tluq simili jimplika li kumpanija b'responsabbiltà limitata li tkun proprjetà ta' l-Istat għandha dmir simili li tirreġistra trasferiment ta' titolu mill-Istat.

Min-naħa l-oħra, mhux probabbli li investitur razzjonali jagħżel soluzzjoni li fiha huwa, meta jkun wettaq separazzjoni ta' parti mill-impriża li jkollha x'taqsam ma' proprjetà immobbli, jirreġistra trasferiment ta' titolu b'mod li bħala effett ikun hemm dak li jkollu jħallas dazju tas-sisa. Peress li trasferiment ta' titolu bħal dan jiġi jiswa lill-kumpanija ħafna flus, ftit li xejn jidher li hu probabbli li investitur razzjonali jagħżel soluzzjoni bħal din. Aktar jidher li jkun probabbli li wieħed jagħżel soluzzjoni li permezz tagħha wieħed ikun jista' jevita ħlas ta' miżati, pereżempju billi jinżamm it-titolu mal-kumpanija ewlenija, jew billi joħloq holding company. Dawn l-għażliet l-Istat ma jistax jagħmilhom. Meta l-Istat jagħżel li jidħol fis-suq, ikun aktar konvenjenti li jifred din il-parti tan-negozju u jorganizzaha bħala kumpanija separata. Għaldaqstant, l-Istat jinsab f'sitwazzjoni fejn ikollu jittrasferixxi l-proprjetà immobbli tiegħu lejn entità legali oħra. Dan hu argument qawwi favur li r-reġistrazzjoni tat-trasferiment tad-drititjiet mhux f'kunflitt mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

Il-Ministeru għalhekk għandu jassumi li l-eċċezzjoni mill-obbligu li t-trasferiment tad-drittijiet ta' l-art ikun irreġistrat ma jpoġġix lil Statens utleiebygg AS f'sitwazzjoni kompetittiva differenti minn dik li jkollu quddiemu investitur privat fuq is-suq. L-eċċezzjoni ma jidhrix li hi f'kunflitt mal-Ftehim taż-ŻEE.

Barra minn dan, wieħed ġeneralment jassumi li l-valur stmat tal-proprjetajiet li għandhom jiġu trasferiti lil Statens utleiebygg AS ikun dak ta' fuq is-suq, u li kull trasferiment possibbli ta' kapital mill-Istat li jista' jsir aktar tard, isir bl-istess mod daqslikieku jkun investitur privat li jkun qed jagħti kontributi għall-impriża."

3.2. *Argumenti ppreżentati mill-awtoritajiet Norveġiżi qabel ma l-Awtorità ddeċidiet li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali*

Permezz ta' ittra ta' l-20 ta' Ġunju 2002, il-Ministeru tax-Xogħol u l-Amministrazzjoni tal-Gvern ħareġ informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' qafas għal Entra u l-kalkolu tal-bilanċ oriġinali tagħha. Il-Ministeru ddeskriva l-metodu ta' likwidità li ntuża biex ikun evalwat il-valur totali tal-portafoll ta' proprjetà u ddikjara li dan il-metodu kien użat "peress li jkun aktar konformi ma' dak li hu mitlub mill-Proposta Nru 84 lill-Istorting (1998-99) biex il-kumpanija tingħata l-kundizzjonijiet ta' qafas fuq bażi indaqs ma' parteċipanti oħrajn fl-istess settur". L-ittra ma ddeskrivietx jekk, u jekk iva, kif u safejn in-nuqqas ta' pagament tad-dazju tas-sisa affettwa l-bilanċ tal-ftuħ. Lanqas ma daħlet fil-kwistjoni dwar jekk il-paragrafu 3 ta' l-Att li qed ikun ikkontestat jeżiġix li l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa għandhiex tiġi kkumpensata b'żieda fl-evalwazzjoni tal-portafoll li tkun tikkorrispondi għall-ammont li kien ikun irid jitħallas, li kieku r-reġistrazzjoni fir-reġistru reali tal-proprjetà immobbli tqieset bħala bidla ta' titolu u mhux bħala bidla ta' isem.

Permezz ta' ittra tas-7 ta' Novembru 2002, il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija żviluppa f'aktar dettall l-argument li kien diġà ppreżenta fil-ħidmiet preparatorji tiegħu li investituri privati jistgħu jagħżlu soluzzjonijiet li jevitaw trasferiment

formali ta' l-att u b'hekk jiffrankaw li jħallsu tariffi għal dokumenti u miżati ta' reġistrazzjoni. Peress li r-reġistrazzjoni tat-trasferiment ta' titolu ma kinitx obbligatorja, l-impriżi setgħu, irrispettivament minn jekk huma kinux ta' l-Istat jew inkella tal-privat, b'mod legali jevitaw li jħallsu drittijiet għad-dokumenti u l-miżati tar-reġistrazzjoni billi sempliċement ma jirreġistraw l-ebda trasferiment ta' proprjetà. Kieku t-titolu kellu jibqa' għand is-sid oriġinali, dan kien ikun riskju għas-sid il-ġdid fejn tidħol il-"bona fede" lejn parti terza. Madankollu, kien possibbli li dan ir-riskju jiġi eliminat permezz tar-reġistrazzjoni ta' "restrizzjoni tad-dritt tal-proprjetà". Ir-reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni dwar ir-restrizzjoni tad-dritt tal-proprjetà ma eskludietx ir-riskju ta' proċedimenti eżekuttivi u li s-suċċessur leġittimu tad-debitur jitlef id-dritt għall-proprjetà. Skond l-awtoritajiet Norveġiżi, dak il-metodu kien użat ħafna minn impriżi kkontrollati mill-privat, speċjalment bejn partijiet relatati.

Fl-opinjoni tal-Ministeru, kien ikun ħafna probabbli li sid privat ta' Statsbygg kien jifred il-kumpanija mingħajr ma jkun hemm l-obbligu li titħallas il-miżata ta' reġistrazzjoni jew id-dazju tas-sisa. Dan il-metodu ma kienx għażla realistika fil-każ tat-twaqqif ta' Entra. Jiġifieri, fost affarijiet oħra, minħabba ostakoli li qamu mill-fatt li Statsbygg taqa' taħt kontroll pubbliku u politiku. Metodi bħal ma huma ż-żamma tat-titolu tal-proprjetajiet ma' Statsbygg ikunu jimplikaw li Entra tkun saret dipendenti fuq l-approvazzjoni ta' entità pubblika għal tranżazzjonijiet dwar il-proprjetajiet. Kieku t-titolu fuq il-proprjetajiet kellu jibqa' għand Statsbygg, dan ikun jimplika li l-Istat hu sew il-kerrej kif ukoll id-detentur tat-titolu fuq il-proprjetajiet. Kieku kellhom jintużaw metodi bħal dawn għal Statsbygg/Entra, ma tibqax tidher ċara d-distinzjoni bejn ir-rwoli differenti taż-żewġ entitajiet. Statsbygg hija fdata biex iżżomm il-proprjetà ta', u biex topera, bini pubbliku mhux kummerċjali, filwaqt li Entra topera fuq bażi kummerċjali.

Fl-ittra li ġġib id-data tas-7 ta' Novembru 2002, il-Ministeru ressaq ukoll argument kontra l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE li ma kienx issemma fil-ħidmiet ta' tħejjija li ssemmew qabel. Il-Ministeru saħaq li l-valur tal-portafoll ta' proprjetà immobbli kien ibbażat fuq il-metodu ta' "kapitalizzazzjoni netta". Fil-qosor, dan il-metodu jimplika li l-likwidità fil-futur tal-proprjetà (dħul nett mill-kiri skond kuntratti eżistenti flimkien ma' evalwazzjoni ta' kiri nett fil-futur wara li jkunu skadew il-kuntratti eżistenti) kienet tnaqqset għall-valur preżenti tagħha permezz ta' fattur li huwa skond rata rilevanti ta' obbligu ta' redditu. Din ir-rata ġiet stabbilita fuq il-livell ta' 9,5 % peress li kienet tirrifletti livell ta' referenza ma' operaturi simili privati f'dan il-kummerċ. Skond il-Ministeru, f'każ li kellhom jitħallsu drittijiet għad-dokumenti u miżati ta' reġistrazzjoni, l-ispejjeż kienu jkunu rreġistrati bħala attiv, filwaqt li l-valur tal-proprjetajiet immobbli kienu jitnaqqsu kif xieraq. Għaldaqstant, dan ma kienx jidher bħala tnaqqis fuq il-karta tal-bilanċ ta' Entra, jew fil-valutazzjoni totali ta' l-assi. B'kuntrast ma' dan, kieku d-dazju tas-sisa kellu jiddaħħal mingħajr ma jsir aġġustament tal-valur tal-proprjetajiet, dan kien iwassal għal "valur ogħla ta' l-assi totali, li jwassal għal rata ta' redditu ta' 9,1 % biss, li hija ferm taħt il-livell rikjest ta' Entra Eiendom AS. Dan jagħti lil Entra Eiendom AS żvantaġġ konsiderevoli fil-konfront ta' operaturi privati".

Permezz ta' ittra li ġġib id-data ta' l-4 ta' Ġunju 2003, il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija ssottometta informazzjoni addizzjonali u argumenti dwar, fost affarijiet oħra, il-miżuri li jittieħdu minn impriżi privati. Il-Ministeru, barra minn dan, saħaq fuq l-argumenti li hemm fl-ittra li ġġib id-data tas-7 ta' Novembru 2002 dwar ir-raġuni li minħabba fiha jemmen li n-nuqqas ta' pagament tad-dazju m'affettwax l-istruttura kapitali, is-solidità u l-valur totali tal-kumpanija.

Bħala t-tielet argument addizzjonali biex l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa ma titqiesx bħala għajnuna, il-Ministeru rrefera għall-hekk imsejjaħ "prinċipju tal-kontinwità" fil-liġi Norveġiża. Jingħad li dan il-prinċipju huwa terminu ġenerali għal għadd ta' regoli li jippresupponu li l-impriża li tkun qed takkwista tkun qed tieħu fuqha l-pożizzjoni legali tal-kumpanija li tkun qed tittrasferixxi. L-iskop tal-prinċipju tal-kontinwità hu sabiex jitħaffu l-amalgamazzjonijiet kif ukoll il-firdiet. Meta jkun japplika l-prinċipju tal-kontinwità, is-sitwazzjoni legali ta' l-impriża li tkun qed tittrasferixxi titqies bħala li tkompli fil-kumpanija li tkun qed takkwista. Skond il-Ministeru, il-kontinwità fejn tidħol is-sitwazzjoni tat-taxxa u tad-dazju kien aspett importanti tal-prinċipju. Tabilħaqq, l-Att ta' Reġistrazzjoni imsejjes fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-kumpanija jimplika li r-riorganizzazzjoni ta' attivitajiet privati f'ħafna każi tista' sseħħ mingħajr ma jinħolqu talbiet għal miżati ta' reġistrazzjoni u drittijiet għad-dokumenti. Abbażi ta' dan, il-Ministeru saħaq li l-eżenjoni kienet miżura ġenerali, li ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. Il-Punt 9, Konklużjoni, ta' l-ittra li ġġib id-data ta' l-4 ta' Ġunju 2003 hija kif ġej:

"Is-sistema komuni dwar il-miżata tar-reġistrazzjoni u d-drittijiet għad-dokumenti hija dik li l-prinċipju tal-kontinwità għandu jiddetermina jekk il-proċessi ta' konverżjoni, sew pubbliċi kif ukoll privati, ikunux jistgħu jsiru bħala bidla fl-isem f'relazzjoni fost affarijiet oħra mar-regoli dwar il-miżata tar-reġistrazzjoni u d-drittijiet fuq dokumenti. L-iskop tal-prinċipju tal-kontinwità huwa biex titħaffef l-implimentazzjoni ta' l-amalgamazzjonijiet, tal-firdiet u tar-ristrutturar, li jitqiesu bħala mixtieqa mil-lat soċjo-ekonomiku. Il-leġiżlazzjoni speċjali u r-rifuzjoni tad-drittijiet miġbura għad-dokumenti li jirriżultaw mir-riorganizzazzjoni ta' kumpaniji li jipproduċu l-enerġija mill-ilma, jew kumpaniji li jipproduċu l-elettriku huma riżultat ta' l-istess kunsiderazzjonijiet. Għaldaqstant, il-prassi hija miżura ġenerali, li skond il-każistika stabbilita sew ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE."

3.3. *Argumenti ppreżentati mill-awtoritajiet Norveġiżi wara li l-Awtorità fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali*

Fl-ittra mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija li ġġib id-data tas-16 ta' Settembru 2004, l-awtoritajiet Norveġiżi kkummentaw fuq id-deċiżjoni ta' l-Awtorità biex tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali. L-opinjoni tal-Gvern Norveġiż kienet dik li l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE ma ġiet issodisfata. Għaldaqstant, in-nuqqas ta' ħlas mill-Entra ta' dazju tas-sisa ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

Il-Ministeru saħaq, fl-ewwel post, fuq l-argument li ġab qabel li l-miżura ma kinitx tagħti xi vantaġġ lil Entra. Ma bidlitx la l-istruttura kapitali, la s-solidità u lanqas il-valur totali tal-kumpanija. Kieku d-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati ta' reġistrazzjoni kienu ġew dovuti fil-karta tal-bilanċ tal-ftuħ, kien ikun hemm bilanċ tal-ftuħ alternattiv. Jingħad li l-Gvern Norveġiż hu tal-fehma li l-miżura tat-taxxa li qed tissemma m'għandhiex tkun mifruda mill-bilanċ tal-ftuħ tal-kumpanija. Barra minn dan, l-iskop tar-regola ewlenija dwar id-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati ta' reġistrazzjoni hija biex ikunu ntaxxati trasferimenti reali bejn entitajiet ekonomiċi differenti. Meta t-trasferiment ikun biss apparenti u l-entitajiet li jkunu qed jittrasferixxu u li jkunu qed jakkwistaw ikunu b'mod sostanzjali l-istess, il-prinċipju ewlieni fil-liġi Norveġiża, skond il-Ministeru, ikun dak li l-impriża li tkun qed takkwista titħalla żżomm il-pożizzjoni legali ta' l-impriża li tkun qed tittrasferixxi (il-prinċipju tal-kontinwità). Il-Ministeru jqis li l-prinċipju tal-kontinwità mhux ristrett għal trasferimenti speċifiċi, iżda jitqies bħala r-regola ewlenija meta l-entità li tkun qed tittrasferixxi u l-entità li tkun qed takkwista jkunu b'mod sostanzjali l-istess. Entra għalhekk ma kinitx meħlusa minn spejjeż li s-soltu jinħarġu mill-baġits tagħhom, skond l-awtoritajiet Norveġiżi.

It-tieni, il-Ministeru rrefera għall-fatt li t-trasferiment tat-titolu fil-każ li qed jissemma, bil-paragrafu 4 ta' l-Att ikkontestat, sar bħala bdil ta' isem u mhux permezz ta' trasferiment ta' titolu. Għalhekk, l-obbligu fuq Entra li tħallas id-drittijiet għal dokumenti ma ġie qatt imħassar u ma kien hemm, skond l-awtoritajiet Norveġiżi, l-ebda telf ta' dħul mit-taxxa u b'hekk, l-ebda użu ta' riżorsi ta' l-Istat.

It-tielet, l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-argument li l-miżura li qed tissemma ma taffettwax il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti. Il-Ministeru jqis li l-istħarriġ tas-suq jista' juri jekk is-suq tal-proprjetà immobbli għal spażju kummerċjali fl-ibliet fin-Norveġja hux ta' karattru purament nazzjonali u mhux suġġett ta' kompetizzjoni ġejja minn lil hinn mill-fruntiera. Il-Ministeru jqis li ħlief għal investimenti barranin f'istituzzjonijiet finanzjarji, investituri mhux Norveġiżi ma joperawx fis-suq tal-proprjetà immobbli tan-Norveġja.

Ir-raba', il-Ministeru ressaq l-argument li l-eżenzjoni mid-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati tar-reġistrazzjoni ma kinitx miżura selettiva. Il-Ministeru rrefera għall-fatt li kriterju ewlieni fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE għal miżura fiskali hu li l-miżura għandha tistipula eċċezzjoni għall-applikazzjoni tas-sistema tat-taxxa affavur ċerti impriżi fl-Istati EFTA. L-ewwelnett għalhekk trid tiġi determinata s-sistema komuni applikabbli. Jekk miżura fiskali tkun tidderoga mis-sistema komuni, irid jiġi eżaminat jekk id-deroga tkunx ġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema tat-taxxa. Il-Ministeru jqis li l-prassi fejn jidħol tibdil ta' isem bħala proċedura ta' trasferiment ta' titolu ta' proprjetà ma jikkostitwixxix deroga mis-sistema fiskali. F'każ li l-Awtorità tasal għal konklużjoni li l-prassi tikkostitwixxi deroga mis-sistema tat-taxxa, il-Ministeru jqis id-deroga bħala ġustifikata minħabba n-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali.

Fl-aħħarnett, il-Ministeru rrefera għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 27/99 tal-5 ta' Ġunju 2002 [1] dwar l-eżenzjonijiet minn taxxi tat-trasferiment fil-kaz ta' ristrutturazzjoni ta' ċerti impriżi pubbliċi fl-Italja biex isiru kumpaniji. Skond il-Ministeru, is-sitwazzjoni fattwali fil-każ ta' l-Italja kienet tixbah lill-każ li qed jissemma u li jistgħu jsiru l-istess kunsiderazzjonijiet. Il-Ministeru kkonkluda li l-eżenzjoni kienet ġustifikata min-natura jew mill-iskema ġenerali tas-sistema u li ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

Permezz ta' ittra li ġġib id-data tat-30 ta' Ġunju 2005, il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija ssottometta aktar argumenti favur it-teżi li l-eżenzjoni minn drittijiet għad-dokumenti u miżati ta' reġistrazzjoni mhix ta' vantaġġ ekonomiku għal Entra. Il-Ministeru rrefera għall-fatt li l-bilanċ tal-ftuħ ta' Entra tħejja bl-użu tal-metodu Valur Preżenti Nett (NPV). Id-dħul ta' likwidità mistennija fil-futur minn kull bini kien stmat u ġie skontat b'rata rikjesta ta' rendiment. Ir-rata ta' rendiment ġiet iffissata billi ntuża Mudell ta' Ipprezzar ta' l-Attiv Kapitali (*Capital Asset Pricing Model*) wara li sar tqabbil ma' kumpaniji kompetituri oħra tal-proprjetà immobbli. Il-valur proprjetarju ġie stabbilit fuq livell ta' bejn wieħed u ieħor 40 % li kien kumparabbli ma' kumpaniji oħra simili.

Il-Ministeru qies li l-valur ikkalkulat tal-proprjetajiet immobbli kien l-aħjar stima ta' dak li investitur "*mingħajr ma jkollu jħallas id-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati tar-reġistrazzjoni*", kien ikun lest li jħallas għall-portafoll. Li kieku x-xerrej tal-portafoll (f'dan il-każ Entra) kellu jħallas id-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati ta' reġistrazzjoni, il-prezz li l-investitur ikun lest iħallas jonqos bl-ammont li jkun ekwivalenti għal dak tad-drittijiet għad-dokumenti u tal-miżati ta' reġistrazzjoni. Il-valur ta' ass fiss tal-proprjetajiet immobbli fil-karta tal-bilanċ kien jonqos bl-istess ammont, filwaqt li l-attiv finanzjarju fiss kien jiżdied bl-istess ammont, sabiex il-valur totali ta' l-assi kien ikun l-istess. Fuq in-naħa tal-passiv, il-valur proprjetarju u d-dejn totali ma kinux jinbidlu għalkemm id-dejn fuq perjodu ta' żmien qasir kien jiżdied skond il-valur tad-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati tar-reġistrazzjoni. Il-Ministeru wasal għall-konklużjoni li l-pożizzjoni finanzjarja ta' Entra ma nbidlitx bħala konsegwenza ta' l-eżenzjoni mid-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati ta' reġistrazzjoni.

Il-Ministeru għaraf li wieħed ma jistax jasal għal konklużjoni ġenerali li se jkun dejjem il-bejjiegħ ta' proprjetà li *de facto* jġorr il-piż ta' dazju tas-sisa, peress li dan ir-riżultat jiddependi fuq ċirkostanzi partikolari. Madankollu, fil-każ li qed jissemma, ikun il-bejjiegħ li jkun ġarr il-piż, peress li l-metodu li ġie użat fil-bilanċ tal-ftuħ biex il-valur tal-proprjetà immobbli fil-każ ta' Entra jkun stmat kien jimplika dan (traduzzjoni mhux uffiċjali mill-Awtorità): "F'każ bħal dan, u fejn jintuża l-metodu NPV, kull tip ta' spejjeż b'konnessjoni max-xiri jitnaqqas mill-prezz tal-bejgħ, peress li l-elementi kollha huma parti mill-metodu innifsu ta' kif jiġi stmat il-valur, peress li x-xerrej inkella ma jakkwistax ir-rata ta' rendiment meħtieġa …."

[1] ĠU L 77, 24.3.2003, p. 21.

3.4. *Il-kummenti ta' dawk li għandhom interess*

B'ittra ta' l-4 ta' Mejju 2005, il-kumpanija ta' avukati Selmer, li tirrappreżenta lil Entra, ippreżentat il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni ta' l-Awtorità li tiftaħ proċedura formali ta' investigazzjoni. Selmer ressqet l-argument li l-eżenzjoni mid-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati ta' reġistrazzjoni ma kinux ta' vantaġġ għal Entra, u li l-eżenzjoni kienet fi ħdan in-natura u l-loġika ġenerali tas-sistema Norveġiża.

L-ewwelnett, Selmer irreferiet għall-fatt li kien deċiż li l-kumpanija tkun stabbilita b'valur proprjetarju ta' 40 % tal-kapital totali. Bħala konsegwenza ta' dan, kieku Entra kellha tħallas id-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati ta' reġistrazzjoni, il-valur tal-proprjetajiet kien jonqos bl-istess ammont tad-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati ta' reġistrazzjoni, u l-Istat Norveġiż kien ikun irid ipoġġi dan l-istess ammont fil-kumpanija, biex il-valur proprjetarju jinżamm fuq il-livell ta' 40 %. Selmer tqis li dan ma kienx se jibdel is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija u li Entra ma ħadet l-ebda vantaġġ ekonomiku.

It-tieni, Selmer stqarret li kull riorganizzazzjoni statali saret b'mod konsistenti abbażi tal-prinċipju tal-kontinwità, u rreferiet għar-riorganizzazzjonijiet tal-Korporazzjoni Norveġiża tax-Xandir (NRK), tat-Telenor, tal-Kumpanija Nazzjonali tal-Ferrovija (NSB), tal-Posten Norge, ta' l-Avinor, tal-Mesta u ta' Statkraft. Selmer għalhekk tqis li l-eżenzjoni mid-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati ta' reġistrazzjoni kien fi ħdan in-natura u l-loġika ġenerali tas-sistema Norveġiża.

## 4. Il-leġiżlazzjoni Norveġiża dwar id-drittijiet għad-dokumenti u l-miżata ta' reġistrazzjoni fil-każ ta' reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli

4.1. *Kif joriġina l-obbligu li jitħallsu d-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati ta' reġistrazzjoni?*

Il-proprjetà immobbli fin-Norveġja hija identifikata fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli ("*Eiendomsregisteret*"), li mill-1995 'l quddiem fih informazzjoni minn *"Tinglysingsregisteret/Grunnboken"* u *"GAB-registeret (Grunneiendommer, Adresser og Bygninger)"* ([1]).

*Tinglysingsregisteret* kienet stabbilita skond l-Att ta' Reġistrazzjoni 1935 Nru 2 ("*Lov om tinglysing*"). Kull proprjetà hija identifikata permezz ta' identità fuq ir-reġistru li fiha tista' tiddaħħal informazzjoni dwar il-proprjetà (*ownership*), it-titolu u impedimenti, eċċ. Ir-reġistru fih, fost affarijiet oħra, informazzjoni dwar diversi drittijiet u obbligi dwar il-proprjetà in kwistjoni. Dawk kollha li għandhom interess, u li jkunu qed jaġixxu *bona fede* għandhom id-dritt li jistrieħu fuq l-informazzjoni fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli.

Skond is-Sezzjoni 7(1) ta' l-Att dwar id-Drittijiet għad-Dokumenti 1975 Nru 59 ("*Lov om dokumentavgift*"), ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' titolu ta' proprjetà ("*hjemmelsoverføring*") fuq proprjetà immobbli toħloq l-obbligu li jitħallsu d-drittijiet għad-dokumenti ("*dokumentavgift*"). Ir-rata ta' taxxa hi ta' 2,5 %, ibbażat fuq il-valur tal-proprjetà. Id-detentur il-ġdid tal-proprjetà hu responsabbli li jħallas id-drittijiet, ara sezzjoni 2-6 tar-Regolament dwar id-Drittijiet għad-Dokumenti, Ministeru tal-Finanzi, is-16 ta' Settembru 1975, u emendi li saru wara.

B'żieda ma' dan, ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' titolu fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli hija suġġetta għal miżata ta' reġistrazzjoni ("*tinglysingsgebyr*") skond l-Att dwar il-Mizati tal-Qorti 1982 Neu 86 ("*Rettsgebyrloven*"). Meta Entra ġiet stabbilita, din il-miżata kienet iffissata fil-livell ta' NOK 982 (madwar EUR 123) għal kull dokument irreġistrat. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet biex jinġabru d-drittijiet għad-dokumenti u l-mizati tar-reġistrazzjoni huma identiċi.

Kif intqal qabel, id-dazju tas-sisa irid jitħallas meta ssir reġistrazzjoni tat-trasferiment ta' titolu lejn entità legali oħra ("*hjemmelsoverføring*"). Għalhekk, jekk ma jkunx hemm trasferiment ta' titolu lejn entità legali oħra, iżda biss bidla fl-isem ta' l-istess entità legali fir-reġistru ("*grunnboken*"), ma jkollu jitħallas l-ebda dazju tas-sisa.

Ma hemm l-ebda obbligu legali biex jiġu rreġistrati drittijiet ("*tinglyse*") marbuta mal-proprjetà immobbli (proprjetà, eċċ) fir-reġistru. Mhux meħtieġ li jiġi rreġistrat trasferiment ta' titolu biex ikun jista' jseħħ it-trasferiment tal-proprjetà. Id-detentur tad-drittijiet jista' madankollu jagħżel li jirreġistra d-drittijiet tiegħu biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu kontra partijiet terzi.

4.2. *Meta jkun jista' jinbidel id-detentur tat-titolu mingħajr ma jsir dovut id-dazju tas-sisa?*

Il-prassi fejn jidħol il-pagament ta' dazji tas-sisa mill-1990 sa l-1 ta' Lulju 2005 - u għalhekk fi żmien meta ġiet imwaqqfa Entra – hu deskritt f'żewġ settijiet ta' ċirkolari, jiġifier ċ-Ċirkolari G-37/90 tal-25 ta' Mejju 1990 mill-Ministeru Norveġiż tal-Ġustizzja u ċ-ċirkolarijiet li ħarġu kull sena mid-dipartiment Norveġiż tad-Dazju u s-Sisa (NCE) ("*Toll- og Avgiftsdirektoratet*") ([2]). Skond il-punt 1.1 fl-aħħar ċirkolarijiet, eżenzjoni mill-bolla ma tingħatax sakemm ma jkunx hemm bażi ġuridika diretta fl-Att dwar id-Drittijiet tad-Dazju jew permezz ta' deċiżjonijiet tal-Parlament ([3]).

([1]) Sors: Statens Kartverk – Tinglysingen, ara: http://www.statkart.no/IPS/tinglysing/?module=Articles;action=ArticleFolder.publicOpenFolder;ID=2207

([2]) *f. inter alia Dokumentavgift 2000 – S12-DOK-2001 u Rundskriv nr. 12/2005 S*, li għalihom issir referenza hawn taħt. Ara wkoll http://www.toll.no/upload/dokumentavgift1_1.pdf

([3]) It-test bin-Norveġiż huwa kif ġej: "*Det gis ikke fritak for dokumentavgift med mindre det er direkte hjemmel i loven eller stortingsvedtak*".

(i) Amalgamazzjonijiet

Fil-każ ta' amalgamazzjonijiet, ma jeżisti skond il-Ministeru tal-Ġustizzja Norveġiż, l-ebda trasferiment ta' titolu għall-iskop ta' l-Att dwar id-Drittijiet għad-Dokumenti. Huwa għalhekk biżżejjed li l-amalgamazzjoni tiġi rreġistrata fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli billi jkun ikkonfermat li l-kumpanija tkun ġiet amalgamata ma' oħra. Konferma bħal din tista' tinħareġ mir-Reġistru tal-Kumpanija u ma toħloqx l-obbligu li jitħallsu l-miżati tar-reġistrazzjoni u d-dazju tas-sisa. Dan japplika għal amalgamazzjonijiet bejn kumpaniji b'responsabbiltà limitata skond it-tifsira ta' sezzjoni 14(7) tal-Liġi Nru 59 ta' l-4 ta' Ġunju 1976 (l-"Att dwar il-Kumpani b'Responsabbiltà Limitata") ([1]), kif ukoll għal amalgamazzjonijiet oħra li jkunu saru abbażi tal-Kapitolu 14 fl-istess liġi u amalgamazzjonijiet bejn banek tat-tifdil (Kapitolu 8 tal-Liġi nru 1 ta' l-24 ta' Mejju 1961; l-"Att dwar il-Banek tat-Tifdil") ([2]).

(ii) Firdiet skond l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata ta' l-1976

Fejn, fil-każ ta' firdiet, il-proprjetà ta' immobbli tkun ġie trasferita mill-kumpanija oriġinali ("A") lejn il-kumpanija li tkun inħarġet minnha ("B"), sew iċ-Ċirkolari G-37/90 kif ukoll il-punt 1.4 fiċ-ċirkolarijiet ta' kull sena mid-Direttorat Norveġiż tad-Dazju u s-Sisa, jistipulaw li sew il-miżata ta' reġistrazzjoni kif ukoll id-drittijiet għad-dokument ikunu jridu jitħallsu ([3]).

B'kuntrast ma' dan, fil-każ li l-proprjetà immobbli tibqa' għand il-kumpanija oriġinali (A) li minna nħarġet parti (B), ma kien hemm l-ebda obbligu biex jitħallsu miżati ta' reġistrazzjoni u drittijiet għad-dokumenti ([4]). Dan għax f'dan il-każ il-proprjetà immobbli ma tkunx trasferita għal entità legali ġdida (li kien ikun il-każ li kieku l-proprjetà immobbli kienet ġiet trasferita lejn il-kumpanija li tkun inħarġet mill-ewwel waħda).

(iii) Trasferiment ta' proprjetà minn proprjetà konġunta għal forma ta' soċjetà

Fil-perjodu rilevanti, it-trasferiment tal-proprjetà ta' l-immobbli minn proprjetà konġunta għal soċjetà ġenerali jew soċjetà limitata (jew bil-maqlub) jimplika trasferiment minn entità legali waħda għal entità legali oħra. Għalhekk, sew iċ-Ċirkolari G-37/90 u l-punt 1.5 fiċ-ċirkolarijiet ta' kull sena mid-Direttorat Norveġiż tad-Dwana u s-Sisa jgħidu li dan għalhekk ikun joħloq l-obbligu li jitħallas id-Dazju tas-Sisa.

(iv) Konverżjoni minn forma inkorporata waħda għal oħra

Sitwazzjoni li ma tissemmiex fiċ-Ċirkolari hija dik meta impriża tiġi trasformata minn forma waħda ta' inkorporazzjoni għal oħra. Fl-ittra tal-Gvern Norveġiż ta' l-4 ta' Ġunju 2002 jingħad li r-regola ewlenija f'sitwazzjonijiet bħal dawn hi li *"irid ikun hemm trasferiment ta' titolu. Għaldaqstant, il-mizata tar-reġistrazzjoni u d-drittijiet għad-dokumenti għandhom jitħallsu. Dan huwa l-mod kif ġiet imwettqa l-leġiżlazzjoni."* Il-Gvern Norveġiż, madankollu, ressaq l-argument li għandu jkun possibbli li wieħed jikkunsidra eżenzjonijiet għal din ir-regola skond il-kunsiderazzjonijiet marbuta mal-prinċipju tal-kontinwità ([5]).

Għal dan, l-Awtorità tinnota li l-Qorti ta' l-Appell (*Frostating Lagmannsrett*) f'ordni li tat fid-9 ta' Ottubru 1997 ppubblikata f'LF-1997-671 iddeċidiet li konverżjoni minn *"kommanditt-selskap"* għal *"aksjeselskap"* (*"North West Terminalen AS"*) ma toħloqx obbligu li jitħallas id-dazju tas-sisa. F'dan is-sens, il-Lagmannsrett irrefera għal dawn iċ-ċirkolarijiet msemmija tal-Ministeru tal-Ġustizzja u tad-Direttorat tad-Dwana u tas-Sisa u stqarr li mill-Att tad-Drittijiet għad-Dokumenti jirriżulta li d-dritt irid jitħallas sakemm ma jkunx intqal xort'oħra direttament fl-Att innifsu, jew ikunu saru dispożizzjonijiet dwar dan. Peress li li l-kumpanija ġdida kienet entità legali differenti mill-ewwel waħda, ma jimpurtax li kienu l-istess sidien li baqgħu fil-kumpanija l-ġdida u għalhekk li l-unika bidla fil-verità kienet il-forma li biha l-kumpanija kienet qed topera.

Barra minn dan, tista' ssir referenza għall-każ imsemmi fl-Anness 1 ta' l-ittra tal-Gvern Norveġiż ta' l-4 ta' Ġunju 2002 li fiha l-awtoritajiet Norveġiżi ċaħdu l-eżenzjoni mid-dazju fil-każ ta' konverżjoni minn *"selveiende institusjon"* għal *"allmenaksjeselskap"*.

(v) Trasferiment ta' proprjetà minn muniċipalità lejn entità legali separata li tkun għal kollox proprjetà tal-muniċipalità

F'laqgħa bejn l-awtoritajiet Norveġiżi u l-Awtorità fid-19 ta' Mejju 2005, l-awtoritajiet Norveġiżi indikaw li kien probabbli ħafna li skond iċ-ċirkularijiet applikabbli fi żmien it-twaqqif ta' Entra, riedet titħallas il-bolla b'konnessjoni ma' riorganizzazzjoni li fiha l-proprjetà ta' bini tiġi trasferita minn muniċipalità lejn kumpanija b'responsabbiltà limitata li tkun proprjetà ta' dik il-muniċipalità. B'kuntrast, kienet għal ċertu żmien il-prassi li ma titħallas l-ebda bolla fil-każ ta' trasferiment ta' titolu b'konnessjoni ma' riorganizzazzjonijiet skond l-Att Norveġiż tad-29 ta' Jannar 1999 dwar il-kumpaniji inter-muniċipali ([6]).

([1]) Għandha ssir referenza wkoll għal-liġi nru 44 u l-liġi nru 45 tat-13 ta' Ġunju 1997 dwar il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata u l-kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, rispettivament.

([2]) Wieħed jista' jirreferi, fiċ-Ċirkolari G-37/90, għal paġna 1, punt 1.3 fid-*Dokumentavgift 2000* u għal punt 1.3 fir-*Rundskriv nr. 12/2005 S.*

([3]) L-Awtorità tieħu nota tal-kumment tal-Gvern Norveġiż fil-punt 4.3 fl-ittra tiegħu ta' l-4 ta' Ġunju 2003 li wieħed jista' jiddiskuti dwar *"jekk ir-reġistrazzjoni ta' dokument għandhiex tkun aktar meħtieġa bħala espressjoni ta' trasferiment tat-titolu. Il-kwistjoni għadha madankollu tiġi kkunsidrata mill-Ministeru tal-Ġustizzja"*. Madankollu, l-fatt jibqa' li ċirkolari wara l-oħra tal-Gvern żammet ma' dik il-pożizzjoni sa Ġunju 2005 u bidlet biss il-prassi ta' reġistrazzjoni fejn jidħlu reġistrazzjonijiet wara dik id-data.

([4]) Dan iseħħ anki jekk il-kumpanija li nħolqot wara l-firda (B) tibqa' ġġorr isem il-kumpanija oriġinali (A), peress li fil-verità sid il-proprjetà immobbli jibqa' l-istess wieħed, jiġifieri l-kumpanija oriġinali (A). Dan jitqies sempliċement bħala bdil fl-isem. Ara wkoll l-opinjoni tal-Minsteru Norveġiż tal-Ġustizzja ppubblikata f'U87-4.

([5]) Cf. Punt 7h) ta' l-ittra.

([6]) Cf. Pereż. Punt 3.9 in Rundskriv nr. 12/2005 S.

(vi) Il-prassi wara l-1 ta' Lulju 2005

Peress li r-reġistrazzjoni tat-tibdil ta' l-isem fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli seħħ b'rabta mat-twaqqif ta' Entra, ir-regoli msemmija hawn fuq jiffurmaw it-tqabbila rilevanti mad-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 3 ta' l-Att ikkontestat. Ta' min, iżda, jsemmi li fil-21 ta' Ġunju 2005, il-Ministeru tal-Ġustizzja adotta Ċirkolari ġdida (G-6/05) dwar il-proċedura tat-trasferiment ta' proprjetà immobbli b'rabta ma' amalgamazzjonijiet, firdiet u trasformazzjoni ta' kumpaniji [1]. Iċ-ċirkolari introduċiet, b'effett mill-1 ta' Lulju 2005, prassi ġdida fejn jidħlu sitwazzjonijiet fejn id-detentur ta' titolu jkun jista' jinbidel mingħajr ma dan ikun meqjus bħala trasferiment ta' titolu. Skond iċ-Ċirkolari l-ġdida, reġistrazzjoni b'rabta ma' firdiet ibbażata fuq il-prinċipju tal-kontinwità issa se tibda' tiġi ttrattata bl-istess mod bħal amalgamazzjonijiet fejn jidħlu r-regoli dwar id-dazji tas-sisa u għalhekk mhux aktar soġġetti għall-bolla. L-istess jgħodd għal konverżjonijiet imwettqa fuq il-bażi tar-regoli tal-Kapitolu 13, 14 u 15 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji b'Responsabbiltà Limitata u l-Att dwar il-Kumpaniji Pubbliċi b'Responsabbiltà Limitata.

B'kuntrast ma' dan, skond iċ-Ċirkolari l-ġdida, id-dazju tas-sisa jkun għad irid jitħallas meta l-proprjetà immobbli tkun trasferita skond sett ta' regoli li ma jkunux ibbażati fuq il-kontinwità (per eżempju amalgamazzjoni ta' soċjetajiet ġenerali ("*ansvarlige selskaper*")). Trasferiment minn forma waħda ta' kumpanija għal oħra, pereżempju minn soċjetà ġenerali għal kumpanija b'responsabbiltà limitata, ukoll se jibqa' każ fejn id-dazju tas-sisa jrid jitħallas.

## 5. **Riorganizzazzjonijiet oħra ta' impriżi pubbliċi**

Kif jingħad fl-ittra li ġġib id-data ta' l-4 ta' Ġunju 2003, mill-awtoritajiet Norveġiżi, riorganizzazzjonijiet oħra kien fihom dispożizzjonijiet simili għall-Att ikkontestat (Posten AS, NSB AS, Mesta AS, Avinor AS, Telenor AS u l-impriżi tas-saħħa) [2].

L-Awtorità tinnota li saru wkoll riorganizzazzjonijiet oħra fejn ma ġietx adottata dispożizzjoni simili għal dik li tinstab fl-Att ikkontestat. Ir-riorganizzazzjonijiet li l-Awtorità saret taf bihom, fejn dispożizzjoni bħal din ma ġietx adottata jinkludu t-twaqqif ta' BaneTele AS, Secora AS u Statkraft AS.

BaneTele AS hija fornitur ta' netwerk ta' *fiber broadband* madwar il-pajjiż kollu. Il-kumpanija b'responsabbiltà limitata ġiet stabbilita fl-1 ta' Lulju 2001. Qabel din id-data, l-attivitajiet li saru kienu parti mill-Amministrazzjoni tal-Ferrovija Nazzjonali ("Jernbaneverket"). BaneTele hija kumpanija b'responsabbiltà limitata li hi 100 % proprjetà ta' l-Istat Norveġiż, rappreżentat mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija. L-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Ferrovija hija responsabbli għall-ġestjoni tas-sistema nazzjonali ta' trasport bil-ferrovija, f'isem il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni. Il-proposta biex titwaqqaf kumpanija b'responsabbiltà limitata, il-BaneTele ġiet ippreżentata lill-Parlament f'St.prp. nr. 80 (2000-2001) *Omdanning av BaneTele til aksjeselskap* [3] kif ukoll Ot.prp. nr. 93 (2000-2001) *Om lov om omdanning av Jernbaneverkets kommersielle televirksomhet til aksjeselskap* [4]. Ot.prp. nr. 93 (2000-2001) u l-liġi sussegwenti (Liġi tal-15 ta' Ġunju 2001) ma fihom l-ebda dispożizzjoni li tixbah lill-paragrafu 3 fl-Att ikkontestat.

Secora As hija kuntrattur speċjalizzat fl-iżvilupp ta' portijiet u passaġġi marittimi bla perikli u effiċjenti. Il-kumpanija b'responsabbiltà limitata ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 2005. L-attivitajiet qabel kienu jsiru mill-unità tal-produzzjoni ta' l-Amministrazzjoni Kostali tan-Norveġja ("*Kystverket*"). Secora AS hija 100 % ta' l-Istat Norveġiż, irrappreżentat mill-Ministeru tas-Sajd u ta' l-Affarijiet Kostali. L-Amministrazzjoni Kostali Norveġiża hija l-aġenżija nazzjonali tan-Norveġja għall-immaniġġjar tal-kosta, is-sigurtà marittima, u l-komunikazzjoni. Il-proposta biex titwaqqaf Secora AS ġiet ippreżentata f'St.prp. nr. 1 (2004-2005) *Om omdanning av Kystverkets produksjonsvirksomhet til statlig aksjeselskap m.m* [5] u f'Ot.prp. nr 20 (2004-2005) *Om lov om omdanning av Kystverkets produksjonsvirksomhet til statsaksjeselskap* [6]. Ot.prp. nr. 20 (2004-2005) u l-liġi sussegwenti (Liġi tas-17 ta' Diċembru 2004) ma fihom l-ebda dispożizzjoni li tixbah lill-paragrafu 3 fl-Att ikkontestat.

Statkraft AS hija l-akbar produttur ta' l-elettriku fin-Norveġja. Il-kumpanija b'responsabbiltà limitata ġiet stabbilita fl-1 ta' Ottubru 2004. Il-kumpanija qabel kienet impriża ta' l-Istat ("*Statsforetak (SF)*"), u l-impriża ta' l-Istat Statkraft SF għadha teżisti bħala s-sid formali ta' Statkraft AS. L-ewwel proposta biex titwaqqaf kumpanija b'responsabbiltà limitata ġiet ippreżentata lill-Parlament f'St.meld. nr.22 (2001-2002) *Et mindre og bedre statlig eierskap* [7] u wara f'St.prp.nr. 53 (2003-2004) *Statens eierskap i Statkraft SF* [8] u f'Ot.prp. nr. 63 (2003-2004) *Om lov om omorganisering av Statkraft SF* [9]. F'St. Prp.nr. 53

[1] "*Rundskriv G-6/05: Den tinglysingsmessige fremgangsmåten når fast eiendom blir overført i forbindelse med fusjon, fisjon og omdanning*". Iċ-Ċirkolari tinstab fuq il-websajt tal-Ministeru tal-Ġustizzja: http://odin.dep.no/jd/norsk/dok/regelverk/rundskriv/012081-250018/dok-bn.html

[2] F'ċerti każi ta' riorganizzazzjoni fil-ħidmiet ta' thejjija ma ngħataw l-ebda raġunijiet għall-eżenzjonijiet. F'oħrajn, id-dispożizzjoni hija meqjusa bħala devjazzjoni mir-regoli normali dwar id-dazju tas-sisa. Jingħad, barra minn hekk, li d-dispożizzjoni tikkorrispondi għal dispożizzjoni simili fejn jidħlu trasformazzjonijiet oħra ta' impriżi statali f'kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata. Fl-aħħarnett, jingħad ta' spiss li d-dispożizzjoni kkonċernata tikkorrispondi għall-istrateġija dwar it-trasferiment ta' proprjetà immobbli fil-każ ta' amalgamazzjonijiet ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata u banek.

[3] Ara http://www.odin.dep.no/repub/00-01/stprp/80

[4] Ara http://www.odin.dep.no/repub/00-01/stprp/93

[5] Ara http://www.odin.dep.no/filarkiv/226433/STP0405001-T06-TS.pdf

[6] Ara http://www.odin.dep.no/repub/00-01/stprp/20

[7] Ara http://odin.dep.no/nhd/norsk/dok/regpubl/stmeld/024001-040006/dok-bn.html

[8] Ara http://www.odin.dep.no/filarkiv/208116/STP0304053-TS.pdf

[9] Ara http://odin.dep.no/filarkiv/207892/OTP0304063-TS.pdf

(2003-2004) il-Gvern iddikjara li r-riorganizzazzjoni għandha tfisser li Statkraft AS tkun trid tħallas id-dazji tas-sisa (traduzzjoni mhux uffiċjali mill-Awtorità) "*skond ir-regoli normali ta' l-att*" fejn jidħlu d-dazji tas-sisa u li l-ispejjeż se jnaqqsu l-bilanċ pożittiv għall-impriża u għalhekk ukoll il-bażi għad-dividendi. Id-dazji tas-sisa kienu stmati li kienu NOK 1 500 miljun (bejn wieħed u ieħor Eur 188 miljun) ([1]).

Filwaqt li l-Awtorità, fid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ investigazzjonijiet formali, waslet għall-konklużjoni preliminari li l-kundizzjonijiet kollha msemmija kienu twettqu, il-Gvern Norveġiż ressaq l-argument li l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet ma twettqet ([2]). L-Awtorità trid għalhekk teżamina l-eżenzjoni mill-ħlas ta' dazju tas-sisa fid-dawl tal-każistika rilevanti biex tara jekk din tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

## II. VALUTAZZJONI

### 1. L-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat

L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE huwa kif ġej:

"Ħlief kif xort'oħra ipprovdut f'dan il-Ftehim, kull għajnuna mogħtija minn Stati Membri tal-KE, mill-Istati ta' l-EFTA, jew permezz ta' riżorsi Statali fi kwalunkwe forma li xxekkel jew thedded li xxekkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi impriżi partikolari jew il-produzzjoni ta' merkanzija partikolari għandha, sakemm taffetwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, tkun inkompatibbli mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim."

Biex titqies bħala għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE, miżura trid tkun konformi ma' dawn l-erba' kriterji:

(1) l-għajnuna trid tkun mogħtija mill-Istat jew minn riżorsi ta' l-Istat;

(2) l-għajnuna trid tkun tali li tagħti vantaġġ lil dawk li jeħduha, b'mod li jonqsulhom l-ispejjeż li normalment ikollhom iġorru meta jkunu qed jagħmlu n-negozju;

(3) il-vantaġġ irid ikun speċifiku jew selettiv, fis-sens li jkun jiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti;

(4) l-għajnuna trid tkun tali li xxekkel jew li thedded li xxekkel il-kompetizzjoni u tkun taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

#### 1.1. *L-għajnuna trid tkun mogħtija mill-Istat jew minn riżorsi ta' l-Istat*

Fejn tidħol l-ewwel kundizzjoni msemmija hawn, fil-każistika ([3]) hija ħaġa stabbilita li din il-kundizzjoni titwettaq meta miżura direttament jew indirettament twassal għal xi forma ta' piż finanzjarju fuq il-finanzi pubbliċi.

Fid-deċiżjoni tagħha biex tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità waslet għall-konklużjoni preliminari li d-dispożizzjoni fil-paragrafu 3 fl-Att ikkontestat ifisser li d-dazju tas-sisa li f'każijiet oħra jitħallas, ma tħallasx. Din l-eżenzjoni mill-ħlas ta' dazju tas-sisa tfisser telf dirett ta' dħul ta' taxxa għall-Istat Norveġiż li hu daqslikieku konsum ta' riżorsi ta' l-Istat. Għaldaqstant, l-Awtorità waslet għall-konklużżjoni preliminari li l-ewwel kundizzjoni kienet twettqet.

Fil-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ, l-awtoritajiet Norveġiżi, iżda, ressqu l-argument ([2]) li peress li Entra qatt ma nħolqilha l-obbligu li tħallas id-dritt għad-dokumenti (peress li "*it-trasferiment tat-titolu fil-każ imsemmi sar bħala bdil ta' isem u mhux bħala trasferiment ta' titolu*"), ma kien hemm l-ebda telf ta' dħul ta' taxxa u għaldaqstant, l-ebda konsum ta' riżorsi ta' l-Istat.

L-Awtorità ma tistax taqbel ma' dak l-argument. Tipikament, benefiċċju fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa kopert bl-Artikolu 61(1) isir permezz ta' eżenzjoni espliċita. Madankollu, peress li l-Artikolu 61(1) jiffoka fuq l-effett ta', u mhux il-formalità fil-bażi ta', is-sistema legali nazzjonali, huwa jkopri wkoll sitwazzjoni fejn eżenzjoni mit-taxxa tirriżulta b'mod indirett permezz ta' referenza għal xi nozzjoni legali partikolari (*in casu* "bdil ta' isem") li r-riżultat tagħha jkun li l-ebda taxxa ma tkun dovuta. Fiż-żewġ sitwazzjonijiet, u b'referenza għall-każ imsemmi, l-effett hu li reġistrazzjoni fir-reġistru tal-proprjetà immobbli tista' sseħħ mingħajr ma jsiru dovuti dazji tas-sisa minħabba d-dispożizzjoni leġiżlattiva partikolari. L-ebda reġistrazzjoni b'eżenzjoni ta' taxxa ma setgħet saret li kieku ma kienx għad-dispożizzjoni speċjali.

([1]) It-test bin-Norveġiż huwa kif ġej: "*Den foreslåtte omorganiseringen av Statkraft vil medføre at det påløper dokumentavgift til staten, jf Stortingets vedtak om dokumentavgift § 1 første ledd. Utgiften vil være i størrelsesorden 1,5 milliarder kroner. Departementet legger til grunn at Statkraft betaler dokumentavgift i tråd med lovens normalordning. Utgifter til dokumentavgift vil redusere overskuddet til selskapet og dermed også utbyttegrunnlaget*".

([2]) Ittra li ġġib id-data tas-16 ta' Settembru 2004 mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija.

([3]) Cf. Każijiet konġunti 67/85 u 70/85 *Van der Kooy v Commission* [1988] ECR 219; Każ C-290/83, *Il-Kummissjoni v Franza* [1985] ECR 439; Każ C-482/99, *Ir-Repubblika Franċiża v Il-Kummissjoni* [2002] ECR I-4397; Każ C-379/98 *Preussen Elektra AG v Schleswag AG* [2001] ECR-I 2099.

Fil-proposta lill-Parlament ([1]), il-Gvern Norveġiż stqarr li kien hemm inċertezza kbira dwar jekk it-trasferiment tal-proprjetajiet minn Statsbygg lejn Entra kinux joħolqu l-obbligu tal-ħlas ta' dazju tas-sisa. Madankollu, kif jintwera aktar 'l isfel fil-punt 1.2, il-Gvern Norveġiż ma uriex b'mod konvinċenti li r-reġistrazzjoni tat-trasferiment ta' proprjetajiet mill-Istat lejn Entra setgħet kienet eżenti mid-dażju tas-sisa fl-assenza tad-dispożizzjoni partikolari fil-paragrafu 3 ta' l-Att tat-18 ta' Frar 2000. L-ebda dispożizzjoni oħra fil-liġi Norveġiża b'mod espliċitu ma tistipula li tranżazzjoni bħal din kienet eżenti mir-regola ġenerali li r-reġistrazzjoni ta' bdil ta' proprjetà toħloq l-obbligu tal-ħlas tad-dazju tas-sisa. Barra minn dan, l-Awtorità ma tistax tara kif ir-riorganizzazzjoni ta' Statsbygg – fl-assenza ta' Paragrafu 3 fl-Att tat-18 ta' Frar 2000 – setgħet tkun eżenti skond l-Att ta' Reġistrazzjoni kif kien interpretat dakinhar.

L-Awtorità għaldaqstant temmen li l-ewwel kundizzjoni twettqet.

### 1.2. *Il-miżura trid tkun speċifika jew selettiva, fis-sens li tkun tiffavorixxi "ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti"*

#### 1.2.1. Selettività materjali

Fid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ investigazzjonijiet formali, l-Awtorità waslet għall-konklużjoni preliminari li l-adozzjoni ta' liġi speċjali li teżentaha milli tħallas id-dazju tas-sisa (għal kumpanija waħda biss (Entra)), għandha tkun klassifikata bħala miżura selettiva.

B'kuntrast ma' dan, b'referenza għall-argumenti tagħhom ippreżentati hawn fuq dwar il-prinċipju tal-kontinwità, l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-argument li l-prassi fejn jidħol bdil ta' isem bħala proċedura biex jiġi trasferit it-titolu ta' proprjetà ma jikkostitwix deroga *de facto* mis-sistema ta' taxxa komuni. Kienet, għalhekk, miżura ta' natura ġenerali.

L-Awtorità tirreferi għall-Kapitolu 17B.3.1 tal-Linji-Gwida ta' l-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar it-tassazzjoni diretta fuq in-negozju fejn tidħol l-ispeċifiċità jew is-selettività ta' miżuri fiskali, li jgħid li:

"Miżuri fiskali li jkunu miftuħa għall-aġenti ekonomiċi kollha li jkunu qed joperaw fi ħdan Stat ta' l-EFTA, huma fil-prinċipju miżuri ġenerali. Għandhom ikunu effettivament miftuħa għall-kumpaniji kollha fuq il-bażi ta' aċċess ugwali, u *de facto* ma jistax jitnaqqsilhom l-ambitu tagħhom, pereżempju, bis-setgħa ta' diskrezzjoni li għandu l-Istat, jew permezz ta' fatturi oħra li jirrestrinġu l-effett prattiku tagħhom."

L-Att ikkontestat japplika biss għal tranżazzjoni partikolari bejn Statsbygg u Entra. Huwa minnu li atti simili ġew adottati meta kumpaniji oħra ta' l-Istat b'responsabbiltà limitata kienu ġew stabbiliti (ara fuq parti I). Madankollu, il-fatt li regoli simili ġew introdotti fejn tidħol firxa ta' privatizzazzjonijiet oħra ta' l-Istat ma jfissirx li l-*lex specialis* ikkonċernata ssir mhux selettiva.

L-ewwelnett wieħed m'għandux jinsa li f'riorganizzazzjonijiet oħra ta' l-Istat, ma ġewx adottati dispożizzjonijiet oħra simili fl-Att ikkontestat. Pereżempju, meta twaqqfet BaneTele AS ([2]), il-kumpanija l-ġdida b'responsabbiltà limitata ma ġietx eżentata milli tħallas id-dazji fuq is-sisa. L-istess jgħodd meta twaqqfet Secora AS ([3]). Fil-każ tar-riorganizzazzjoni ta' Statkraft, il-Gvern Norveġiż iddikjara li l-kumpanija għandha tħallas dazji tas-sisa skond ir-regoli normali ([4]).

It-tieni, kull liġi fiskali li fil-każ tar-riorganizzazzjoni ta' impriżi statali tagħti kundizzjonijiet aktar favorevoli mill-kundizzjonijiet li jkun hemm fil-każ ta' ristrutturazzjoni ta' impriżi privati titqies bħala selettiva skond l-Artikolu 61(1). Mandankollu, skond l-Att dwar id-Drittijiet għad-Dokumenti, il-punt tat-tluq kien li kull trasferiment ta' titolu bejn entitajiet differenti jwassal għall-obbligu tal-ħlas ta' dazju tas-sisa mingħajr kunsiderazzjoni għal jekk is-sid il-ġdid ikomplix l-istess attività li kien qed jagħmel ta' qablu. Kif ingħad qabel sa Lulju 2005, sew iċ-ċirkolari ta' l-1990 mill-Ministeru tal-Ġustizzja kif ukoll għadd ta' ċirkolarijiet konsekuttivi mid-Direttorat tad-Dwana u s-Sisa kienu jipprovdu biss eċċezzjoni waħda għal din ir-regola. Iż-żewġ settijiet ta' ċirkolarijiet iddikjaraw mingħajr dubju li huwa biss fil-każ fejn il-proprjetà tkun trasferita fil-kuntest ta' amalgamazzjoni bejn kumpaniji b'responsabbiltà limitata li kunsiderazzjonijiet ta' kontinwità jimplikaw li reġistrazzjoni b'detentur ġdid tat-titolu tista' ssir permezz ta' bdil ta' isem u mhux bdil ta' titolu li minħabba fih jinħoloq l-obbligu tal-ħlas ta' dazju tas-sisa. B'kuntrast ma' dan, l-obbligu tal-ħlas tad-dazju tas-sisa jinħoloq meta ssir reġistrazzjoni jew trasferiment jew il-proprjetà ta' titolu fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli fil-każ ta' firdiet, konverżjonijiet minn forma inkorporata għal oħra, trasferimenti ta' proprjetà minn proprjetà konġunta għal forma ta' soċjetà u trasferiment ta' proprjetà minn muniċipalità għal entità legali separata li tkun kollha proprjetà ta' muniċipalità ([5]). Dan deher ċar ukoll fis-sentenza tal-Frostating lagmannsrett, li ġiet iċċitata qabel, li ddikjarat li d-dazji tas-sisa għandhom jitħallsu meta tip ta' kumpanija b'responsabbilt illimitata ("*kommandittselskap*") tiġi kkonvertita għal waħda b'responsabbiltà limitata anki jekk jibqgħu l-istess sidien fil-kumpanija u l-unika bidla li tkun saret tkun il-forma li biha l-kumpanija topera.

L-Awtorità ddeċidiet li t-twaqqif ta' Entra ma jistax jitqies bħala amalgamazzjoni. Jixbah ħafna aktar jew firda, konverżjoni minn entità legali waħda għal oħra, jew inkella separazzjoni li muniċipalità tista' tagħmel ta' xi attività partikolari biex issir suġġett legali għalih. Għaldaqstant, l-eżenzjonijiet minn dazji tas-sisa bħal dawk li hemm fil-paragrafu 3 ta' l-Att ikkontestat ma kinux, fil-mument li fih ġiet imwaqqfa Entra, miftuħa għat-tranżazzjonijiet li magħhom l-aktar jista' jsir tqabbil.

([1]) "St prp nr 84 (1998-99) Om ny strategi for Statsbygg og etablering av Statens utleiebygg AS". Ippreżentat fl-4 ta' Ġunju 1999.

([2]) Lov av 15.6.2001 "*Om omdanning av Jernbaneverkets kommersielle televirksomhet til aksjeselskap*".

([3]) Lov av 17.12.2004 "*Om omdanning av Kystverkets produksjonsvirksomhet til statsaksjeselskap*".

([4]) It-test bin-Norveġiż huwa kif ġej: "*Departementet legger til grunn at Statkraft betaler dokumentavgift i tråd med lovens normalordning.*"

([5]) Ara punt I.4 hawn fuq.

Għaldaqstant, il-paragrafu 3 fl-Att ikkontestat ma jistax jingħad li hu espansjoni ta' regola (mhux selettiva) li diġà hija ġenerali dwar in-nuqqas ta' ħlas fil-każ ta' ċerti tipi ta' trasferiment ta' titolu fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli. Għaldaqstant, il-miżura kienet materjalment selettiva.

1.2.2. L-eżenzjoni mill-ħlas ta' dazju tas-sisa hija ġustifikata min-natura jew mill-format ġenerali tas-sistema tat-taxxa?

Skond il-każistika tal-ECJ ([1]), tista' ssir distinzjoni bejn:

— Trattament differenzjat li jiġi mill-applikazzjoni, f'sitwazzjonijiet speċifiċi, ta' l-istess prinċipji bħal dawk li jkunu l-bażi tar-regoli normali (l-ebda għajnuna);

— Trattament differenzjat li, billi jkun jiffavorixxi ċerti impriżi, ma jżommx mal-loġika interna tar-regoli normali (għajnuna) ([2]).

Din id-distinzjoni hija wkoll deskritta fil-Kapitolu 17B.3.4(1) tal-Linji Gwida ta' l-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat dwar tassazzjoni diretta fuq in-negozju fejn tidħol il-ġustifikazzjoni ta' deroga min-'natura jew il-format ġenerali tas-sistema': "In-natura differenzjata ta' xi wħud mill-miżuri ma jfissirx neċessarjament li għandhom jitqiesu li huma Għajnuna mill-Istat. Dan ikun il-każ fejn jidħlu miżuri li minħabba l-ħsieb ekonomiku tagħhom ikunu neċessarji għat-tħaddim bla xkiel u għall-effettività tas-sistema fiskali. Madankollu, sta għall-Istat EFTA li jipprovdi ġustifikazzjoni bħal din." Din ir-regola ta' prova ta' l-aħħar ġiet ikkonfermata mill-ECJ ([3]).

L-Awtoritajiet tan-Norveġja ressqu l-argument li "*anki jekk l-Awtorità tkun tqis li l-prassi* (ta' bdil ta' l-isem bħala proċedura għat-trasferiment tat-titolu ta' proprjetà mingħajr ma jinħoloq l-obbligu tal-ħlas ta' dazju tas-sisa) *tikkostitwixxi eżenzjoni mir-regola ewlenija, hija ġustifikata min-natura jew mill-format ġenerali tas-sistema tat-taxxa*". Biex isostnu din il-pożizzjoni, l-awtoritajiet Norverġiżi saħqu li l-prinċipju tal-kontinwità u l-kunsiderazzjonijiet biex dan il-prinċipju jkun applikat effettivament, fost affarijiet oħra, għal skopijiet ta' dazju tas-sisa fil-każ li qed jissemma fisser li l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa taqa' fi ħdan il-loġika u n-natura tal-leġiżlazzjoni Norveġiża rilevanti. Fl-opinjoni tagħhom, l-Att ikkontestat jirrifletti l-prinċipju tal-kontinwità u kien konformi mar-regoli ġenerali li jirregolaw ir-ristrutturazzjonijiet.

([1]) Ara f'dan il-kuntest: Każ 173/73 *L-Italja v Il-Kummissjoni* [1974] ECR 709 (paragrafu 33) u Każ C-75/97 *Ir-Renju tal-Belġju v. Il-Kummissjoni* [1999] ECR Paġna I-3671.

([2]) Cf. *Inter alia* Każijiet Konġunti E-5/04, E-6/04 u E-7/04 *Fesil, Pil u r-Renju tan-Norveġja v l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA*, sentenza tal-21 ta' Lulju 2005 (paragrafi 82-85); Każ 173/73 *L-Italja v Il-Kummissjoni*, [1974] ECR 709 (paragrafu 33), Każ C-143/99 *Adria Wien Pipeline* ECR I-8365 (paragrafu 42); Każ C-157/01 *Ir-Renju ta' l-Olanda v. Il-Kummissjoni*, iċċitat aktar qabel (paragrafu 42), u Każ C-308/01 *GIL Insurance Ltd*, iċċitati aktar qabel.

([3]) Cf. Pereż il-Każ C-157/01 *Ir-Renju ta' l-Olanda v. Il-Kummissjoni* iċċitat qabel, paragrafu 43.

Dwar dan l-argument, l-Awtorità tirreleva li, fil-każ li qed jissemma, il-kwistjoni hija dwar l-ambitu tal-prinċipju tal-kontinwità fejn jidħol l-obbligu li jitħallsu drittijiet fuq dokumenti u mhix l-ambitu tal-prinċipju tal-kontinwità bħala tali, u l-applikazzjoni tiegħu fil-liġi tal-kumpaniji.

Abbażi ta' analiżi tar-regoli dwar id-dazji tas-sisa msemmija hawn fuq taħt il-punt I.4, l-Awtorità hija tal-fehma li filwaqt li l-prinċipju tal-kontinwità seta' kellu post fundamentali fil-leġiżlazzjoni Norveġiża fi żmien li twaqqfet l-Entra, ma kinitx, f'dak il-mument, parti integrali u ġenerali tar-regoli u l-prassi dwar id-dazji tas-sisa b'konnessjoni ma' tipi oħra ta' riorganizzazzjonijiet ta' kumpaniji.

Kif diġà ntqal, sa Lulju 2005, kien biss fil-każ fejn il-proprjetà tkun trasferita fil-kuntest ta' amalgamazzjoni bejn kumpaniji b'responsabbiltà limitata li kunsiderazzjonijiet ta' kontinwità implikaw li reġistrazzjoni b'detentur ġdid tat-titolu tista' ssir permezz ta' bdil ta' isem u mhux bdil ta' titolu li minħabba fih jinħoloq l-obbligu tal-ħlas ta' dazju tas-sisa.

B'kuntrast ma' dan, l-obbligu tal-ħlas tad-dazju tas-sisa inħoloq bħala riżultat tar-reġistrazzjoni jew tat-trasferiment jew il-proprjetà ta' titolu fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli għall-firdiet, konverżjonijiet minn forma inkorporata għal oħra, trasferimenti ta' pussess minn pussess konġunt għal forma ta' soċjetà, kif ukoll trasferiment ta' proprjetà minn muniċipalità għal entità legali separata li tkun kollha kemm hi proprjetà ta' muniċipalità ([4]).

L-awtoritajiet Norveġiżi spjegaw li l-loġika li fuqha huma bbażati l-eżenzjonijiet mir-regola ġenerali dwar id-dazju tas-sisa tista' tinstab fil-prinċipju tal-kontinwità. Mandankollu, l-awtoritajiet ma spjegawx il-loġika li fuqha hu bbażat it-trattament differenti tat-tipi ta' trasferimenti msemmija hawn fuq. Għall-kuntrarju, il-Gvern Norveġiż qal biss li jkun fil-fatt aktar jagħmel sens li l-amalgamazzjonijiet u ċerti riorganizzazzjonijiet oħra jiġu ttrattati l-istess. Madanakollu, kien biss b'effett minn Lulju 2005, madwar ħames snin wara li twaqqfet Entra, li l-interpretazzjoni ta' l-Att dwar id-Drittijiet għad-Dokumenti tbiddlet sabiex it-trattament ta' ċerti sitwazzjonijiet differenti issa ġie allinjat. Abbażi ta' dan, l-Awtorità ssibha bi tqil biex issib xi loġika oħra li fuqha tista' tkun ibbażata l-interpretazzjoni ta' l-Att dwar id-Drittijiet għad-Dokumenti li kienet qed tintuża fi żmien it-twaqqif ta' Entra ħlief dik li ġejja li tinstab fiċ-ċirkolarijiet ikkwotati, jiġifieri li huma biss amalgamazzjonijiet bejn kumpaniji b'responsabbiltà limitata li ma jħallsux dazji tad-dwana illi kieku kienu jkunu dovuti. L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-kontinwità fejn jidħol l-Att dwar id-Drititjiet għad-Dokumenti kienet limitata għal każijiet bħal dawn u mhux għal każijiet oħra kif intqal qabel.

([4]) Ara punt I.4 hawn fuq.

Kif intqal hawn fuq taħt il-punt 1.2.1 l-Awtorità, f'kull każ, tqis li t-twaqqif ta' Entra jixbah ħafna aktar dawn is-sitwazzjonijiet fejn reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli fil-mument rilevanti kien joħloq l-obbligu li jitħallsu d-dazji tas-sisa milli sitwazzjonijiet fejn dan l-obbligu ma jinħoloqx. Abbażi ta' dan, l-Awtorità ma tistax tara li l-eżenzjoni fl-Att ikkontestat tista' tiġi ġġustifikata min-natura u l-loġika tar-regoli Norveġiżi dwar id-dazju tas-sisa fi żmien li ġiet applikata l-eżenzjoni. Ma tinbidilx l-evalwazzjoni li saret li riorganizzazzjonijiet simili ta' attivitajiet kummerċjali pubbliċi kienu wkoll eżentati mid-dazju tas-sisa. It-twettiq ta' l-għanijiet li huma fil-bażi tal-prinċipju tal-kontinwità ma jistgħux jiġġustifikaw li għandha tiġi applikata eżenzjoni mir-regola ġenerali dwar id-dazji tas-sisa għal riorganizzazzjonijiet speċifiċi jekk ir-riorganizzazzjonijiet privati kumparabbli ma jkunux suġġetti għal eżenzjonijiet simili.

1.2.3. Il-"każ Taljan"

L-Awtoritajiet Norveġiżi rreferew għal deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea u ressqu l-argument li s-sitwazzjoni konkreta f'dan il-każ hija l-istess bħal tal-każ Entra.

Fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2002 [1], il-Kummissjoni eżaminat il-liġi Taljana li tistipula li għandu jkun hemm sistema fiskali speċjali għal kumpaniji b'kapital azzjonarju li fihom il-maġġoranza ta' l-ishma jkunu tas-settur pubbliku, u li jkunu mwaqqfa bis-saħħa ta' liġi speċifika. F'dan is-sens, il-liġi Taljana tistipula b'mod speċifiku li għandu jkun hemm eżenzjoni mit-taxxi kollha konnessi mat-trasferiment fejn tidħol il-konverżjoni ta' impriżi speċjali u muniċipali f'kumpaniji b'kapital azzjonarju ("l-eżenzjoni mit-taxxa tat-trasferiment"). Fis-sistema legali Taljana, taxxi ta' trasferiment ikunu normalment applikati mal-ħolqien ta' entità ekonomika ġdida jew mat-trasferiment ta' assi bejn entitajiet ekonomiċi differenti. Madankollu, l-awtoritajiet Taljani kienu spjegaw li l-liġi Taljana b'mod ġenerali tirrifletti l-prinċipju ta' newtralità fiskali (li tfisser li ma ssir dovuta l-ebda taxxa) fil-kuntest tal-konverżjoni ta' l-istatut legali ta' kumpanija (*jiġifieri "meta l-istatut legali ta' kumpanija jinbidel iżda l-kumpanija tibqa' l-istess mill-punto di vista ekonomiku"*) [2].

Il-Kummissjoni rat li għalkemm jidher bħallikieku l-istralċ ta' l-impriża muniċipali u t-twaqqif ta' kumpanija "ġdida" b'kapital azzjonarju jkun qisu l-ħolqien ta' entità ekonomika ġdida, dan jidher biss minħabba teknikalitajiet legali. Fil-verità, il-kumpanija ġdida b'kapital azzjonarju hija l-istess entità ekonomika bħall-impriża muniċipali li tkun qed taħdem taħt statut legali differenti. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni aċċettat li l-prinċipju ġenerali ta' newtralità fiskali fil-liġi Taljana kien applikat b'mod simili f'sitwazzjonijiet li kienu jaqgħu taħt is-sistema fiskali speċjali. Għaldaqstant ma kellha titħallas l-ebda taxxa ta' trasferiment [3].

L-Awtorità tifhem li l-Kummissjoni qed tirraġuna li meta l-liġi nazzjonali dwar il-ħlas tal-bolla fil-każ ta' konverżjonijiet magħmula minn impriżi privati hija ibbażata fuq prinċipju ġenerali ta' newtralità fiskali - sabiex il-konċentrazzjoni tkun fuq il-kontinwazzjoni ta' l-istess entità ekonomika aktar milli dwar jekk is-suġġett legali jkunx l-istess – ikun fi ħdan il-loġika ta' sistema fiskali bħal din li l-prinċipju jkun estiż ukoll biex ikopri sitwazzjonijiet li fihom l-Istat jew muniċipalità tifred entità ekonomika li sa dak il-mument kienet immexxija bħala parti mill-Istat jew muniċipalità u tagħmilha entità legali separata.

L-Awtorità taqbel għal kollox ma' raġunar bħal dan. Madankollu, il-loġika ta' kull sistema fiskali trid tkun evalwata fuq il-merti tagħha stess. Id-deċizjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq il-fatt li s-sistema legali Taljana taħseb għall-possibbiltà li ssir eżenzjoni mit-taxxa fuq it-trasferiment fil-kuntest ta' konverżjoni minn forma inkorporata waħda għal oħra. B'kuntrast ma' dan, il-leġiżlazzjoni Norveġiża, kif interpretata u applikata mill-awtoritajiet tat-taxxa, ma tistipulax possibbiltà bħal din. Fil-fatt, kif diġà intqal, każijiet li jistgħu jitqabblu ma' dak ta' Entra ta' riorganizzazzjonijiet privati (firdiet, jew il-konverżjoni minn forma inkorporata għal oħra) ma kinux eżenti mid-dazji tas-sisa. Fl-opinjoni ta' l-Awtorità, is-sitwazzjonijiet fattwali taż-żewġ każijiet huma għalhekk differenti. Meta wieħed ikun qed jevalwa x-xebh bejn is-sitwazzjoni fl-Italja u dik fin-Norveġja wieħed ma jistax jieħu f'kunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni li l-prinċipju tal-kontinwità seta' eżista f'partijiet oħra tal-liġi Norveġiża, inkluż speċjalment il-liġi tal-kumpaniji u l-leġiżlazzjoni dwar it-tassazzjoni diretta fuq l-entità ikkonċernata.

1.2.4. Konklużjoni dwar is-selettività

Bħala konklużjoni, il-miżura għandha titqies li hija selettiva fis-sens ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE u ma tistax tinħarab dik il-klassifikazzjoni billi ssir referenza għan-natura u l-loġika tar-regolamenti Norveġiżi dwar id-dazji tas-sisa.

1.3. *Il-miżura trid tkun tali li tagħti vantaġġ lil dawk li jeħduha, b'mod li jonqsulhom l-ispejjeż li normalment ikollhom iġorru meta jkunu qed jagħmlu n-negozju*

Skond il-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (ECJ) [4] u l-Kapitolu 17B.3.1(2) tal-Linji Gwidi ta' l-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat "il-miżura trid tkun tali li tagħti vantaġġ lil dawk li jeħduha, billi tiffrankalhom spejjeż li s-soltu jkollhom iġorru mill-kontijiet tagħhom. Il-vantaġġ jista' jingħata permezz ta' tnaqqis fil-piż tat-taxxa tal-kumpanija b'diversi modi, inkluż:" (…) "tnaqqis totali jew parzjali fl-ammont ta' taxxa (bħal eżenzjoni jew kreditu ta' taxxa)".

[1] Każ C 27/9 ippubblikat fil-ĠU L 77, 24.3.2003, p. 21.
[2] Cf. Paragrafu 37 tad-deċiżjoni.
[3] Cf. Paragrafi 76-81 tad-deċiżjoni.
[4] Cf. Każ 173/73 *L-Italja v Il-Kummissjoni* [1974] ECR 709.

Permezz ta' l-adozzjoni tad-dispożizzjoni statutorja fil-paragrafu 3 ta' l-Att ikkontestat, Entra inħafrulha l-ispejjeż tad-dazju tas-sisa għall-valur ta' madwar NOK 81 miljun (qrib EUR 10 miljun). Kif intwera hawn fuq fil-punti 1.1 u 1.2, dawn id-drittijiet kien ikollhom jitħallsu mill-kontijiet tagħha. Abbażi ta' dan, l-Awtorità, fid-deċizjoni li tiftaħ investigazzjoni formali, waslet għall-konklużjoni preliminari li Entra ma kinitx qed tirċievi vantaġġ skond l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ZEE.

B'kuntrast ma' dan, l-Awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-argument li l-kundizzjoni mhix imwettqa minħabba żewġ raġunijiet. L-ewwelnett, peress li l-eżenzjoni ma poġġietx lil Entra f'pożizzjoni kompetittiva aħjar meta mqabbla ma' investitur privat. It-tieni, peress li l-istruttura kapitali, is-solidità u l-valuri totali fil-kumpanija ma kinux jinbidlu kieku d-dazju tas-sisa tħallas. Fil-parti li ġejja, l-Awtorità se tgħarbel dawn l-argumenti wieħed wara l-ieħor.

1.3.1. It-tqabbil ma' kumpaniji privati

Kif intqal fil-punt I.3.1, fil-proposta lill-Parlament, il-Gvern Norveġiż iddikjara li sid privat jista' jagħżel li ma jittrasferix it-titolu, iżda, pereżempju, iżomm it-titolu f'*holding company*, meta titwaqqaf kumpanija ġdida. L-Istat, skond l-awtoritajiet Norveġiżi, jista' jittrasferixxi l-proprjetajiet għal għand entità legali ġdida. Għalhekk, skond l-awtoritajiet Norveġiżi, m'hemmx tgħawwiġ tal-kompetizzjoni meta Entra tkun eżentata milli tħallas id-drittijiet għad-dokumenti.

Skond il-Qorti Ewropea tal-Prim'istanza, vantaġġ skond l-Artikolu 87(1) KE (li jikkorrispondi ma' l-Artikolu 61(1) ŻEE) mhux bilfors li jkun jeżisti f'kull sitwazzjoni fejn tiddaħħal miżura biex kumpanija pubblika tinħeles minn żvantaġġ strutturali li jkollha meta mqabbla ma' kompetituri tagħha fis-settur privat [1]. L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE huwa maħsub biss biex jipprojbixxi vantaġġi għal ċerti impriżi, u l-kunċett ta' għajnuna jkopri biss benefiċċji jew il-ħelsien minn piżijiet li impriża s-soltu jkollha tissodisfa mill-kontijiet tagħha u li għandhom jitqiesu bħala vantaġġ ekonomiku, li l-impriża li tkun qed tirċievi ma kinitx takkwista taħt ċirkostanzi normali. Mandankollu, l-Awtorità ma taqbilx ma' l-awtoritajiet Norveġiżi li l-argumenti li ressqet in-Norveġja jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li tqabbil ma' operaturi privati juri li Entra ma rċeviet l-ebda vantaġġ bl-eżenzjoni mid-dazji tas-sisa.

Il-metodi li sid privat jista' juża biex ma jħallasx dazju tas-sisa huma wkoll disponibbli għal impriżi stabbiliti b'rabta ma' privatizzazzjonijiet statali. L-iżvantaġġ strutturali li l-awtoritajiet Norveġiżi qed isostnu li kellhom quddimhom ma kienx ta' natura legali. Il-liġi Norveġiża ma teskludix it-twaqqif u t-trasferiment tal-proprjetajiet lil Entra mingħajr ma dan ikun rreġistrat fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli. Barra minn dan, Entra u l-awtoritajiet Norveġiżi setgħu kieku riedu ħadu l-istess prekawzjonijiet li kien jieħu operatur privat. Ir-raġuni li minħabba fiha dawn il-metodi ma ntużawx fil-każ ta' Statsbygg u Entra kienet sempliċement li l-awtoritajiet Norveġiżi sabu li l-inkonvenjent politiku, maniġerjali u prattiku ikkawżat minn metodi bħal dawn kien ikun tant negattiv li ppreferew li jittrasferixxu t-titolu tal-proprjetà lil Entra.

Fl-opinjoni ta' l-Awtorità, kunsiderazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux iwasslu għall-konklużjoni li Entra ma kinitx ingħatat vantaġġ bl-eżenzjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa. Dan jirriżulta diġà mill-fatt li l-metodi li jistgħu jintużaw biex jiġu evitati d-dazji tas-sisa huma kollha bbażati fuq in-non-reġistrazzjoni ta' traferiment ta' proprjetà (żamma tat-titolu). Jekk it-titolu ("*grunnbokshjemmel*") ma jkunx trasferit, ma jkun jista' jitħallas l-ebda dazju tas-sisa. Iżda l-protezzjoni offerta bir-reġistrazzjoni m'hix għad-dispożizzjoni ta' operaturi privati li ma jkunux qed jittrasferixxu t-titolu, filwaqt li Entra fil-fatt akkwistat din il-protezzjoni. Metodi bħal dawn huma għalhekk mhux ekwivalenti għall-proċedura li saret fil-każ preżenti fejn Entra saret id-detentur il-ġdid tat-titolu.

Barra minn dan, anki li kieku dan kien il-każ, l-Awtorità ma tistax taqbel li l-problema strutturali li l-Istat Norveġiż qed jippretendi li hemm hija ta' xi natura b'mod fundamentali differenti minn dik li jiffaċċjaw operaturi privati. Jista' jkun minnu li nuqqas ta' trasferiment ta' titolu fil-prattika jista', f'ċerti każi, joħloq aktar inkonvenjenza lil entità li hija proprjetà tas-settur pubbliku milli lil kumpanija tal-privat. Madankollu, fl-opinjoni ta' l-Awtorità, kwistjonijiet dwar ir-relazzjoni *inter partes* bejn is-sid ta' qabel u dak preżenti tal-proprjetà immobbli għandha tiġi kkunsidrata apparti mid-diskussjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli. Din ir-reġistrazzjoni normalment ma taffettwax ir-relazzjoni *inter partes* bejn iż-żewġ suġġetti legali iżda jkollha importanza biss f'relazzjoni ma' partijiet terzi. Għalhekk, ir-reġistrazzjoni tista' tkun importanti biex il-bejjiegħ jevita li parti terza, li *bona fede*, aktar tard tixtri l-proprjetà mis-sid ta' qabel, ikollha titolu aktar b'saħħtu għall-proprjetà immobbli. Għandha wkoll implikazzjoni importanti dwar il-protezzjoni kontra l-kredituri tas-sid ta' qabel, hekk kif tista' tinfluwenza l-abbiltà tax-xerrej li jikseb ipoteka u self ieħor. F'dawn is-sitwazzjonijiet kollha, l-iżvantaġġi tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli huma fundamentalment l-istess għal impriżi privati u pubbliċi. Fil-fatt, f'ċerti aspetti, il-metodi deskritti jistgħu ikunu anqas favorevoli għal impriżi privati meta mqabbla ma' oħrajn pubbliċi, peress li r-reġistrazzjoni ta' dikjarazzjoni dwar ir-restrizzjoni tad-dritt tal-proprjetà ma teskludix ir-riskju ta' proċedimenti eżekuttivi u li s-suċċessur leġittimu tad-debitur jitlef id-dritt għall-proprjetà.

[1] Cf. Każ T-157/01 *Danske Busvognmænd v Il-Kummissjoni*, sentenza tas-16 ta' Marzu 2004, para. 57.

Fl-aħħarnett l-Awtorità tenfasizza li l-awtoritajiet Norveġiżi ma tawx prova li parti privata żgur tagħżel li ma tittrasferix it-titolu. In-Norveġja sempliċement ressqet l-argument li kien ikun aktar probabbli li operatur privat f'ċirkostanzi simili kien jiddeċiedi li ma jittrasferix it-titolu fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli.

1.3.2. L-argument dwar il-bilanċ tal-ftuħ

Kif intqal qabel, l-awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-argument ([1]) li l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa m'għandhiex titqies b'mod separat mill-karta tal-bilanċ tal-ftuħ tal-kumpanija. Huma ressqu l-argument li l-miżura msemmija ma biddlet la l-istruttura kapitali, la s-solidità u lanqas il-valur totali tal-kumpanija. Teoretikament, kieku d-dazji tas-sisa kellhom jingħaddu mal-karta tal-bilanċ tal-ftuħ, kien ikun hemm karta tal-bilanċ alternattiva fejn il-valur tal-proprjetajiet kien ikun imnaqqas bl-istess ammont bħad-dazju tas-sisa.

Kif intwera hawn fuq fil-punt 1.2, skond ir-regoli normali tas-sistema fiskali Norveġiża, Entra kellha l-obbligu li tħallas id-dazju tas-sisa. Għaldaqstant, irrispettivament minn kif kien ġie stabbilit il-bilanċ tal-ftuħ, huwa l-valur tat-tranżazzjoni bejn il-bejjiegħ u x-xerrej li jifforma l-bażi fiskali għad-dazju tas-sisa. Ikunu x'ikunu l-kunsiderazzjonijiet li x-xerrej (Entra) jew il-bejjiegħ (l-Istat) jista' jkollhom fejn jidħol il-prezz miftiehem, ikun biss dak il-prezz u xejn aktar li l-awtoritajiet tat-taxxa japplikaw meta jikkalkulaw id-dazju tas-sisa li għandu jitħallas.

Bħala prinċipju, l-Awtorità ma taqbilx ma' l-Awtoritajiet Norveġiżi li l-eżistenza ta' dan il-ħelsien mit-taxxa ma jkunx ta' vantaġġ fis-sens ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE la l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa tkun influwenzat it-twaqqif tal-karta tal-bilanċ ta' Entra b'mod li, allegatament, tkun innewtralizzat il-vantaġġ li jkun ġej mill-eżenzjoni tat-taxxa. Skond il-liġi tan-Norveġja, fin-nuqqas tal-paragrafu 3 fl-Att ikkontestat, Entra kienet tkun obbligata tħallas lill-awtoritajiet tat-taxxa d-dazju tas-sisa fuq il-prezz miftiehem tat-tranżazzjoni għar-reġistrazzjoni li tkun saret, mingħajr ma jkun rilevanti jekk il-prezz setax kien jidher differenti. It-taxxa qatt ma tħallset u huwa dan il-pagament tat-taxxa nieqes li f'dan il-każ preżenti qed jiġi kkunsidrat. Id-dehra tal-karta tal-bilanċ tal-ftuħ ta' Entra influwenzata minn ċirkostanzi oħra, b'mod partikolari jekk il-bejjiegħ kienx jaċċetta valur iżgħar fuq il-bini li kieku Entra ħallset id-dazju tas-sisa, huma fatturi li ma jistgħux jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jkun qed jiġi determinat jekk il-kumpanija rċevietx vantaġġ jew le.

([1]) Ittra li ġġib id-data ta' l-4 ta' Ġunju 2003, tas-16 ta' Settembru 2004 u tat-30 ta' Ġunju 2005 mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija.

L-argument ta' l-awtoritajiet Norveġiżi li l-eżenzjoni mit-taxxa għandha titqies b'rabta ma' prezz, li kien ikun differenti, tal-proprjetà immobbli, huwa mibni fuq ir-raġunar li l-għajnuna li ġejja mill-eżenzjoni tat-taxxa wasslet lil Entra biex iġġarrab telf nett fil-forma ta' prezz ogħla għall-proprjetà immobbli trasferita. Madankollu, li jittieħed kont tal-konsegwenzi diretti kollha li huma ftit jew wisq possibbli bħala riżultat ta' miżura ta' għajnuna għal benefiċċju ta' min jeħodha tkun, fl-opinjoni ta' l-Awtorità, kuntrarju għall-approċċ li ġeneralment jittieħed f'dawn il-każijiet. Fl-istess vena, normalment wieħed ma jkunx jista' jaċċetta li l-effetti ekonomiċi li jiġu bħala riżultat tal-miżura ta' għajnuna f'relazzjonijiet kontrattwali bejn il-benefiċjarju ta' l-għajnuna u suġġetti oħra legali għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex jevalwa jekk, u sa liema grad, il-miżura ta' għajnuna tkun tikkwalifika bħala vantaġġ fis-sens ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. F'dan is-sens, l-Awtorità tenfasizza li l-Istat Norveġiż bħala kollettur tat-taxxa u min-naħa l-oħra bħala bejjiegħ ta' proprjetà immobbli għandu jiġi kkunsidrat bħala żewġ entitajiet distinti fejn tidħol is-sistema ta' għajnuna mill-Istat.

L-Awtorità ma tistax għalhekk taqbel mal-Gvern tan-Norveġja li Entra ma ħaditx vantaġġ fis-sens ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE billi kienet eżenti milli tħallas id-dazju tas-sisa, u billi baqgħet tirċievi l-protezzjoni mogħtija bir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Proprjetà Immobbli.

Fl-ittra ta' l-4 ta' Ġunju 2003 mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija, il-Ministeru jistqarr li: "Teoretikament, kieku d-drittijiet għad-dokumenti u l-miżati tar-reġistrazzjoni kellhom jingħaddu mal-karta tal-bilanċ tal-ftuħ, il-bilanċ tal-ftuħ alternattiv kif aġġustat kien ikun kif spjegat fil-mehmuż 2"). Il-Mehmuż nru 2 jiddeskrivi karta tal-bilanċ tal-ftuħ alternattiva fejn l-assi totali u l-attiv/passiv huma l-istess, iżda fejn, fost affarijiet oħra, il-valur tal-proprjetajiet huwa mnaqqas bl-ammont ekwivalenti tad-dazju tas-sisa. Il-Ministeru wasal għall-konklużjoni li Entra ma rċevietx xi vantaġġ ekonomiku bħala konsegwenza ta' l-eżenzjoni mid-dazji tas-sisa.

Il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ ipotetika kif deskritta mill-awtoritajiet Norveġiżi hija bbażata fuq il-presuppożizzjoni li x-xerrej (Entra) ma jnaqqasx ir-rata ta' ritorn mitluba tiegħu (9,5 %) u l-proporzjon ta' ekwità (40 %) kieku d-dazju tas-sisa kellu jitħallas. Dan jimplika li l-karta tal-bilanċ tal-ftuħ ipotetika hija bbażata fuq il-presuppożizzjoni li l-bejjiegħ dejjem se jħallas 100 % tad-dazju tas-sisa u li l-valur tal-bini b'bilanċ tal-ftuħ alternattiv kien jitnaqqas b'eżatt l-istess ammont ekwivalenti tad-dazju tas-sisa.

L-Awtorità m'għandha l-ebda raġuni biex tixħet dubji dwar il-leġittimità tal-metodu tal-valur nett skontat (NPV) użat meta kien ġiet stabbilit il-bilanċ tal-ftuħ ta' Entra. Madankollu, kif juru d-drabi stess li l-Gvern Norveġiż ipprova jsib il-valur korrett tal-proprjetà immobbli (ara l-punt I 2.2 hawn fuq u d-diffikultajiet konsiderevoli bejn il-valuri alternattivi), setgħu ġew użati metodi oħra. Presuppożizzjonjiet oħra setgħu jintużaw ukoll, u dawk il-metodi u s-suppożizzjonijiet l-oħra setgħu wkoll wasslu għal sitwazzjoni fejn il-piż tat-taxxa ma kienx ikollu jinġarr 100 % mill-bejjiegħ. F'sitwazzjoni normali tas-suq fejn ikun hemm diversi parteċipanti, ikun aktar probabbli li l-piż addizzjonali tad-dazju tas-sisa jinqasam bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ permezz tal-prezz tat-tranżazzjoni li jintlaħaq qbil dwaru.

L-Awtorità ma tarax li hu possibbli li tiġi stabbilita regola ġenerali skond liema il-prezz tal-bini fuq is-suq dejjem se jiżdied b'eżatt l-istess ammont li l-bejjiegħ normalment ikollu jħallas f'taxxi indiretti biex jirreġistra dak il-bini f'sitwazzjonijiet fejn dawk it-taxxi jew diġà tħallsu jew inkella mhux se jsiru dovuti minħabba eżenzjoni leġiżlattiva. Tassew, f'ittra tat-30 ta' Ġunju 2005, mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija, il-Ministeru għaraf li wieħed ma jistax jasal għal konklużjoni ġenerika bħal din u li l-argument tal-Gvern dwar l-effett nett tan-nuqqas ta' pagament tad-dazju tas-sisa huwa bbażat purament fuq l-użu tal-metodu speċifiku għall-evalwazzjoni tal-valur li l-Gvern għażel biex applika fil-każ ta' Entra.

F'dan il-każ preżenti, in-Norveġja għażlet li ma tiġborx id-dazju tas-sisa mingħand Entra u speċifikat li l-evalwazzjoni tal-valur tal-proprjetà immobbli li ssir wara għandha tkun tiddependi fuq din il-premessa. In-Norveġja, għalhekk, bażikament taqbel li kieku hija kellha tiddeċiedi li Entra kellha tkun soġġetta għal dazju tas-sisa normali, kienet xorta tuża l-metodu NPV u l-istess suppożizzjonijiet biex tikkalkula l-prezz tal-bejgħ. Kieku dan l-argument kellu jkun aċċettat, l-ambitu ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE ikun jiddependi fuq kemm Stat taż-ŻEE jkollu l-ħila li jipperswadi lill-Awtorità u lill-Qorti ta' l-EFTA li jkun jieħu passi immaġinarji f'sitwazzjonijiet ipotetiċi.

Fl-aħħarnett, l-Awtorità tenfasizza li f'dawk il-ftit każijiet fejn il-Qorti tal-Ġustizzja – f'tipi differenti ta' sitwazzjonijiet - aċċettat argument *quid pro quo*, dejjem kienet prekundizzjoni li l-mekkaniżmu kontravalenti jkun deċiż minn qabel (u mhux wara l-fatt), b'mod definit biċ-ċar, oġġettiv u trasparenti [1]. Madankollu, imkien fil-ħidmiet preparatorji għal-leġiżlazzjoni rilevanti m'hu speċifikat li kienet prekundizzjoni biex jingħata l-vantaġġ li jirriżulta mill-eżenzjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa, li dan il-vantaġġ iġib miegħu evalwazzjoni ogħla tal-valur tal-proprjetà immobbli relevanti milli xi ħadd privat kien iħallas għall-bini f'bejgħ miftuħ. Għall-kuntrarju, l-argument ta' l-awtoritajiet Norveġiżi li Entra ma rċevietx vantaġġ meta mqabbla ma' sitwazzjoni li fiha kien ikollha tħallas id-dazju tas-sisa, jidher li jmur kontra l-għan, iddikjarat b'mod espliċitu, tat-tneħħija ta' l-obbligu li Entra tħallas id-dazju tas-sisa. Kif intqal hawn fuq fil-punt I.3.1, fil-proposta tal-Gvern lil Stortinget, kien spjegat li l-iskop tal-klawżola ta' l-eżenzjoni kien li Entra m'għandhiex tbati l-piż ekonomiku tad-dazju tas-sisa, peress li impriżi privati kompetituri għandhom possibilitajiet kbar li jaħarbu dan il-piż permezz ta' mezzi oħra. Fi kliem ieħor, fil-proposta lill-Parlament, hemm presuppost li l-pagament tad-dazju tas-sisa sejjer tassew ipoġġi lil Entra f'pożizzjoni ekonomikament anqas vantaġġuża milli kieku Entra kellha ma tħallasx id-dazji. Aktar minn hekk, l-intenzjoni tal-Parlament kienet li Entra m'għandhiex titqiegħed f'din il-pożizzjoni ta' vantaġġ.

### 1.3.3. Il-konklużjoni dwar il-vantaġġ

Bħala konklużjoni, l-Awtorità temmen li l-paragrafu 3 ta' l-Att ikkontestat fil-fatt kien jagħti vantaġġ lil Entra skond is-sens ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

### 1.4. *Il-miżura għandha tkun tali li xxekkel jew li thedded li xxekkel il-kompetizzjoni u tkun taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti*

Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, l-Awtorità waslet għall-konklużjoni preliminari li l-miżura fil-fatt kienet qed thedded il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ fi ħdan iż-ŻEE skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. B'kuntrast ma' dan, l-awtoritajiet Norveġiżi jargumentaw li l-miżura in kwistjoni "*mhix se taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti*" u li l-Awtorità trid tevalwa s-suq rilevanti. Aktar minn hekk, l-awtoritajiet Norveġiżi jsostnu li "*investituri mhux Norveġiżi m'operawx fis-suq tal-proprjetà immobbli fin-Norveġja*" [2].

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja [3] ddikjarat li l-kompetizzjoni hija mxekkla mill-mument li l-għajnuna finanzjarja mill-Istat issaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' imprizi oħra kompetituri. L-għoti ta' l-għajnuna tnaqqas l-ispejjeż u b'hekk tagħti lill-benefiċjarji vantaġġ kompetittiv fuq dawk li jkollhom iġorru l-ispejjeż kollha huma. Abbażi ta' dan, l-Awtorità tqis li l-għajnuna mogħtija lil Entra fil-forma ta' eżenzjoni mill-obbligu li tħallas dazju tas-sisa xekklet il-kompetizzjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. Fil-fatt, l-awtoritajiet Norveġiżi ma ressqux argument fis-sens li l-kompetizzjoni ma xxekklitx (iżda biss li l-kummerċ mhux affettwat).

(1) Cf għal approċċ rispettiv fi ħdan qasam relatat ta' għajnuna mill-Istat, il-Każ C-280/00 *Altmark Trans GmbH* [2003] ECR I-7747 (paragrafi 83-95). Ara wkoll il-punti 117 sa 129 ta' l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Każ C-126/01 *GEMO* [2003] ECR I-13769.

(2) Ara l-ittra li ġġib id-data tas-16 ta' Settembru 2004 mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija.

(3) Każi 730/79, *Philip Morris Holland BV v il-Kummissjoni* [1980] ECR 2671, paragrafu 11.

Meta wieħed jgħaddi biex iqis il-kwistjoni dwar l-effetti fuq il-kummerċ, wieħed irid jara jekk bl-għajnuna in kwistjoni impriża tkunx tista' ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha meta mqabbla ma' impriżi kompetituri fil-kummerċ fi ħdan iż-ŻEE ([1]). Kif kienet iddeċidiet il-Qorti ta' l-EFTA, l-Awtorità mhux obbligata li tistabbilixxi li l-għajnuna għandha effett li jista' jitkejjel fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti, iżda biss li teżamina jekk l-għajnuna setgħetx ikollha effett bħal dan ([2]). Għaldaqstant, il-kriterju ta' effett fuq il-kummerċ tradizzjonalment kien jiġi interpretat b'mod mhux restrittiv b'tali mod li, f'termini ġenerali, miżura tkun titqies bħala għajnuna mill-Istat jekk minħabba fiha jkun affettwat il-kummerċ bejn l-Istati taż-ŻEE ([3]).

Skond il-Kapitlu 17B.3(2) tal-Linji Gwida ta' l-Awtorità dwar l-Għajnuna mill-Istat, *"skond il-każistika, għall-iskop ta' din id-dispożizzjoni, il-kriterju ta' l-effett fuq il-kummerċ ikun milqut jekk il-kumpanija li tkun qed tieħu l-għajnuna tkun qed tagħmel attività ekonomika li tkun tinvolvi kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti"*. Madankollu, l-għajnuna tista' taffettwa l-kummerċ fi ħdan iż-ŻEE anki jekk l-impriża li tkun qed tirċievi ma tipparteċipax hija stess f'attivitajiet f'pajjiżi oħra ([4]). Dan hu hekk peress li l-għoti ta' għajnuna mill-Istat lil impriża jista' jwassal biex il-provvista interna tinżamm jew tiżdied, bil-konsegwenza li jitnaqqsu l-opportunitajiet għal impriżi stabbiliti fi Stati taż-ŻEE oħra biex joffru s-servizzi tagħhom fuq is-suq ta' dak l-Istat ([5]).

Skond il-Kontijiet Annwali ta' Entra stess għall-2001, Entra hija involuta fl-"iżvilupp, il-kiri, il-ġestjoni, it-tħaddim, il-bejgħ u x-xiri ta' proprjetà immobbli fin-Norveġja".

Entra hija membru ta' l-*Assoċjazzjoni tal-Proprjetà Immobbli Kummerċjali* (*"Foreningen Næringseiendom"*) ([6]), li l-membri tagħha, jew għal kollox jew parzjalment iwettqu l-istess attivitajiet bħal ma twettaq Entra. L-Assoċjazzjoni tal-Proprjetà Immobbli Kummerċjali għandha 74 membru (f'Ottubru 2005). Il-membri jinkludu kumpaniji bħal ma huma ABB, AS-Eiendkom, Aberdeen Property Investors, Avantor AS, ICA Eiendom Norge AS, KLP Eiendom AS, Linstow ASA, Mustad Eiendom AS, NCC Property Development AS, Reitan Eiendom AS, Skanska Eiendomsutvikling AS, Smedvig Eiendom AS, Steen & Strøm ASA, Storebrand Eiendom AS, Umoe Sterkorder AS, Veidekke Eiendom AS, Vesta Forsikring AS-Eiendom u Vital Eiendomsforvaltning AS ([7]).

L-akbar kumpanija (jew grupp ta' kumpaniji) tal-proprjetà immobbli b'sidien Norveġiżi hija l-Olav Thon Gruppen. Il-Grupp kien ukoll attiv fl-2000 meta twaqqfet Entra. Olav Thon Gruppen bħalissa għandha 320 proprjetà fin-Norveġja u 18 barra (l-aktar fi Brussell). L-ewwel proprjetà fi Brussell inxtrat fl-1988 (Thon Belgium SA). Il-Grupp jimpjega madwar 3 400 ruħ. Barra milli jikri l-uffiċċji, il-Grupp hu involut ukoll f'lukandi, ristoranti, u ċentri tax-xiri ([8]).

Waħda mill-kumpaniji msemmija hawn fuq, Linstow AS, hija proprjetarja ta', u tiżviluppa, proprjetà immobbli fin-Norveġja kif ukoll fil-pajjiżi Baltiċi, fil-Portugall u fl-Isvezja. Linstow AS hija kollha kemm hi proprjetà tal-Grupp Anders Wilhelmsen, li xtara l-kumpanija u ħassar ir-reġistrazzjoni tagħha fuq il-Borża ta' Oslo fl-1999. Il-Grupp Anders Wilhelmsen huwa wieħed mill-proprjetarji tal-kumpanija tat-tbaħħir Royal Caribbean Cruise Line (RCCL). Linstow AS, fost affarijiet oħra tiġġestixxi l-portafoll Norveġiż (Nordea Portfolo) ta' proprjetajiet tal-Curzon Global Partners. Il-portafoll jikkonsisti minn 31 proprjetà (sa Novembru 2005), mifruxa madwar in-Norveġja kollha. Curzon Global Partners hija kumpanija ta' l-immaniġġjar ta' l-investimenti proprjetà ta' IXIS AEW Europe (IAE). IAE hija ġestur ta' l-investiment fil-qasam tal-proprjetà immobbli, proprjetarja ta' *Groupe Caisse d'Epargne* u *Caisse des Dépôts* fi Franza. IAE għanda f'idejha r-responsabbiltà għal madwar EUR 11-il biljun ta' assi li tiġġestixxi ([9]).

Waħda mill-kumpaniji l-oħra, ICA Eiendom Norge AS, hija kumpanija dipendenti ta' ICA Fastigheter AB, kumpanija Żvediża. ICA Fastigheter AB hija sussidjarja li hi kollha kemm hi proprjetà ta' ICA AB. ICA Fastigheter AB tibni, tiġġestixxi u tbigħ proprjetà immobbli fl-Iskandinavja u fil-pajjiżi Baltiċi. Il-portafoll għandu valur fuq il-kotba ta' SEK 5,7 biljun u jikkonsisti l-aktar minn faċilitajiet ta' ħażna. Barra l-imħażen u l-kumpaniji ta' l-ICA, il-kumpanija toffri wkoll proprjetà immobbli lil klijenti esterni. Il-Grupp ICA (ICA AB) huwa wieħed mill-kumpaniji ġenerali ewlenin fir-reġjun Nordiku, bi ftit aktar minn 2 600 ħwienet minn tagħha, u oħrajn assoċjati, fl-Iskandinavja u fil-pajjiżi Baltiċi ([10]).

([1]) Cf. *Inter alia* Każ C-126/01 *Gemo*, sentenza ta' l-20 ta' Novembru 2003; Każ E-6/98, *Il-Gvern tan-Norveġja v L-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA* [1999] Rapport tal-Qorti ta' l-EFTA, paġ. 76, para 59 Każ 730/79, *Philip Morris v il-Kummissjoni* [1980] ECR 2671, paragrafu 11.

([2]) Każijiet Konġunti E-5/04, E-6/04 u E-7/04 *Fesil, Pil u r-Renju tan-Norveġja v l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA*, sentenza tal-21 ta' Lulju 2005 (paragrafi 94).

([3]) Każi Konġunti T-298/97 – T-312/97 e.a *Alzetta a.o. v Il-Kummissjoni*, [2000] ECR-2319, paragrafi 76-78.

([4]) Każ T-55/99, *CETM v Il-Kummissjoni* [2000] ECR II-3207, paragrafu 86.

([5]) Każ C-303/88, *L-Italja v Il-Kummissjoni* [1991] ECR I-1433, paragrafu 27; Każi konġunti C-278/92 sa C-280/92 *Spanja v Il-Kummissjoni* [1994] ECR I-4103, paragrafu 40.

([6]) L-Assoċjazzjoni tal-Proprjetà Immobbli Kummerċjali hija parti mill-Federazzjoni ta' l-Industriji tal-Bini Norveġiża (*"Byggenæringens Landsforening (BNL)"*). Il-BNL hija parti mill-Konfederazzjoni ta' l-Intrapriża Norveġiża (NHO).

([7]) Sors: http://www.foreningen-naringseiendom.no/medlemsbedriftene

([8]) Sors: http://www.olavthon.no/

([9]) Sors: http://www.ne.no/linstow

([10]) Sors: http://www.ica.no/FrontServlet?s=eiendom&state=eiendom_dynamic&viewid=919&expand=1

Fl-istess żmien li kienet twaqqfet Entra (fl-2000), Aberdeen Property Investor Norway AS ġiet stabbilita bħala kumpanija dipendenti ta' Aberdeen Property Investors. Aberdeen Property Investors hija parti minn Aberdeen Asset Management PLS, grupp indipendenti ta' amministrazzjoni ta' fondi, irreġistrat fuq il-Borża ta' Londra. Bħalissa, Aberdeen Property Investors tiġġestixxi EUR 7,8 biljun f'investimenti ta' proprjetà fl-Ewropa ta' Fuq, li minnhom NOK 9 biljun (madwar EUR 1,1 biljun), jinsabu fin-Norveġja. Fl-2001, Aberdeen Property Investors Norway AS xtraw lil Norske Liv Eiendom, kumpanija oħra ta' proprjetà immobbli fuq is-suq Norveġiż, u llum il-kumpanija tiġġestixxi l-portafolli ta' proprjetà immobbli ta', fost oħrajn, NSB, NOrdea Liv u API Eiendomsfond. Aberdeen Property Investors għandha 200 impjegat fin-Norveġja [1].

Mill-kumpaniji msemmija hawn fuq, li huma attivi fl-istess suq bħal Entra (*l-iżvilupp, il-kiri, il-ġestjoni, l-operazzjoni, il-bejgħ u x-xiri ta' proprejtà immobbli fin-Norveġja*), u li kienu attivi fl-2000, meta Entra twaqqfet, huwa ċar li ħafna kellhom sidien mhux Norveġiżi, ħafna kienu attivi sew fin-Norveġja kif ukoll barra n-Norveġja, u ħafna kienu jiġġestixxu portafolli ta' proprjetà immobbli li hi ta' klijenti barranin.

Mid-deskrizzjoni li hemm f'punt I hawn fuq, jirriżulta li l-assi u l-attivitajiet ittrasferiti lil Entra kienu esposti għall-kompetizzjoni. Għaldaqstant, Entra tikkompeti ma' fornituri oħra ta' bini/proprjetajiet. Dan jgħodd għal Entra bħala sid, bejjiegħ, xerrej, operatur kif ukoll amministratur tal-proprjetà immobbli. Entra topera kullimkien fin-Norveġja, f'suq fejn huma attivi aġenti ekonomiċi minn Stati oħra taż-ŻEE. Għaldaqstant, anki l-kundizzjoni 4 hija ssodisfata, peress li l-miżura taffettwa jew thedded li taffettwa l-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti.

## 2. **Il-kompatibbiltà ta' l-għajnuna**

Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet hawnhekk ippreżentati, l-eżenzjoni mit-taxxa li qed tiġi kkunsidrata tikkostitwixxi għajnuna skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

L-awtoritajiet Norveġiżi ressqu l-argument li l-miżura li qed tiġi kkunsidrata ma fihiex element ta' għajnuna, u ma ressqu l-ebda argument dwar il-kompatibbiltà. Madankollu, wara li ġie kkunsidrat l-involviment possibbli ta' għajnuna mill-Istat, irid jitqies jekk għajnuna bħal din tistax tkun kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE, bis-saħħa ta' l-Artikolu 61(2) u (3) tal-Ftehim.

L-applikazzjoni ta' l-eżenzjonijiet skond l-Artikolu 61(2) mhix xierqa. It-twaqqif ta' Entra ma jimplikax għajnuna ta' karattru soċjali mogħtija lil konsumaturi individwali jew għajnuna biex tagħmel tajjeb għal ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali jew ġrajjiet mhux mistennija.

Skond l-Artikolu 61(3)(a) għajnuna tista' titqies bħala kompatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE meta tingħata biex jinġieb 'il quddiem l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell ta' l-għejxien ikun bil-bosta anqas mill-medja jew fejn hemm problema serja ta' qgħad. Peress li l-miżura in kwistjoni mhux limitata għal dawn l-oqsma, din id-dispożizzjoni ma tapplikax. Lanqas l-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 61(3)(b) m'hi applikabbli. Fl-aħħarnett, fejn tidħol l-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 61(3)(c), l-Awtorità ma tistax taqbel li l-għajnuna tista' titqies bħala waħda li tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi fit-tifsira ta' dan l-Artikolu. Għaldaqstant, l-għajnuna ma tikkwalifika għall-ebda waħda mill-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikolu 61(3) tal-Ftehim taż-ŻEE.

## 3. **Obbligi ta' proċedura u l-għamla ta' l-għajnuna**

### 3.1. *L-obbligu tan-notifika*

L-Artikolu 1(3) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti jistipula li: "L-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tkun infurmata, fi żmien biżżejjed qabel biex jippermettilha li tippreżenta l-kummenti tagħha, b'kull intenzjoni li tingħata, jew li tkun modifikata, xi għajnuna." L-għajnuna mogħtija mingħajr notifikazzjoni, jew għajnuna li tiġi notifikata tard, jiġifieri wara li "tidħol fis-seħħ" hija meqjusa bħala għajnuna illegali.

L-eżenzjoni minn dazji tas-sisa stipulati fit-twaqqif ta' Entra twettqet mingħajr ma kienet notifikata lill-Awtorità.

### 3.2. *Irkupru*

L-Awtorità tiġbed l-attenzjoni tal-Gvern Norveġiż għall-Artikolu 1 f'Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti. L-eżenzjoni mid-dazji tas-sisa ddaħħlet wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim taż-ŻEE. Kull għajnuna f'dan il-każ għandha għalhekk tiġi kklasifikata bħala għajnuna ġdida. Kif intqal qabel, ma ġiet notifika l-ebda għajnuna bħal din. L-għajnuna f'dan il-każ għandha titqies bħala illegali skond id-definizzjoni ta' l-Artikolu 1(f) tal-Parti II tal-Protkoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

Skond l-Artikolu 14 fil-Parti II tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, f'każi ta' għajnuna illegali, jekk din tinstab li tkun inkompatibbli, l-Awtorità bħala regola tordna lill-Istat ta' l-EFTA ikkonċernat biex jitlob lura l-għajnuna mingħand min ħadha.

(1) Sors: http://www.aberdeenpropertyinvestors.no

L-Awtorità hi tal-fehma li ma hemm l-ebda prinċipju ġenerali li jeskludi l-ħlas lura f'dan il-każ. Skond il-każistika, it-tneħħija ta' għajnuna illegali permezz ta' l-irkupru hija l-konsegwenza loġika meta jinstab li din tkun illegali. Għaldaqstant, l-irkupru ta' għajnuna mill-Istat mogħtija illegalment, sabiex terġa' tinkiseb is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ma kienet ingħatat l-għajnuna, ma jistax fil-prinċipju jitqies bħala sproporzjonat ma' l-għanijiet tal-Ftehim taż-ŻEE fejn tidħol l-għajnuna mill-Istat. Bil-ħlas lura tal-għajnuna, min jirċievi jkun qed iċedi l-vantaġġ li kellu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kien hemm qabel il-ħlas ta' l-għajnuna [1]. Minn dik il-funzjoni tal-pagament ta' l-għajnuna jirriżulta wkoll li, bħala regola ġenerali - ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali - l-Awtorità ma taqbiżx il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha, magħrufa mill-każistika tal-Qorti, jekk titlob lill-Istat EFTA kkonċernat biex jirkupra s-somom mogħtija bħala għajnuna illegali peress li kull ma jkun qed isir hu li terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni kif kienet qabel [2]. Barra minn dan, fid-dawl tan-natura obbligatorja tas-superviżjoni ta' l-għajnuna mill-Istat mill-Awtorità skond il-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, imprizi li lilhom tkun ingħatat għajnuna ma jistgħux, bħala prinċipju, jkollhom aspettattiva leġittima li l-għajnuna hija legali sakemm ma tkunx ingħatata skond il-proċedura stipulata fid-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protkoll [3].

## 4. **Konklużjoni**

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li qed isiru hawn, l-Awtorità tqis li l-eżenzjoni minn drittijiet għad-dokumenti u miżati ta' reġistrazzjoni b'rabta mat-twaqqif ta' Entra hija għajnuna mill-Istat li mhix kompatibbli mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE. Għaldaqstant, l-Awtorità tagħlaq il-proċedura stipulata fl-Artikolu 1(2) tal-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti b'deċiżjoni negattiva u tordna lill-Awtoritajiet Norveġiżi biex jirkupraw l-għajnuna mill-Istat, bl-interessi akkumulati, mingħand Entra.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

1. L-eżenzjoni minn drittijiet għad-dokumenti u miżati ta' reġistrazzjoni stipulati fit-twaqqif ta' Entra Eiendom AS (ref. Paragrafu 3 tal-Liġi tat-18 ta' Frar 2000, Nru 11) tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. L-għajnuna ingħatat kontra l-obbligi proċedurali ta' l-Artikolu 1(3) fil-Parti 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, u ma tikkwalifikax għal eżenzjonijiet skond l-Artikoli 61(2) jew 61(3) tal-Ftehim taż-ŻEE.

2. Il-Gvern Norveġiż għandu jirkupra mingħand Entra l-bolla u l-miżati tar-reġistrazzjoni mhux imħallsa, bl-interessi akkumulati abbażi tar-rata ta' imgħax ta' referenza, minn dakinhar li kellhom jitħallsu d-dazji tas-sisa, sal-jum ta' l-irkupru.

3. Il-Gvern Norveġiż għandu jkun infurmat permezz ta' ittra li tkun tinkludi kopja ta' din id-Deċiżjoni.

4. Il-Gvern Norveġiż għandu jinforma lill-Awtorità fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, bil-miżuri li jkun ħa biex jikkonforma magħha.

5. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun infurmata, skond il-punt (d) tal-Protokoll 27 tal-Ftehim taż-ŻEE, permezz ta' kopja ta' din id-Deċiżjoni.

6. Stati EFTA, Stati Membri tal-KE, u partijiet interessati għandhom ikunu infurmati bil-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni fil-verżjoni tagħha bil-lingwa awtentika fis-Sezzjoni taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u s-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

7. Id-Deċiżjoni hija awtentika fil-lingwa Ingliża.

Magħmula fi Brussell, 14 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA*

Einar M. BULL
*President*

Kurt JÄGER
*Membru tal-Kulleġġ*

---

[1] Cf. Każ C-350/93 *Il-Kummissjoni v L-Italja* [1995] ECR I-699, paragrafu 22.
[2] Cf. Il-każ C-75/97 *Il-Belġju v il-Kummissjoni* [1995] ECR I-3671, paragrafu 66, u l-Każ C-310/99 *L-Italja v Il-Kummissjoni* [2002] ECR I-2289, paragrafu 99.
[3] Cf. Każ C-169/95 *Spanja v Il-Kummissjoni* [1997] ECR I-135, paragrafu 51.